MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 26/2013

**Partit Nazzjonalista rapprezentat minn Dr Lawrence Gonzi (K.I 489953M), Dr. Paul Borg Olivier (K.I.337169M), Dr. Marthese Portelli (K.I. 15276G),**

**Claudette Buttigieg (K.l. 93868M) Frederick Azzopardi (K.I. 70549G)**

**u b'digriet tas-27 ta' Gunju 2013 assumew l-atti, Dr. Simon Busuttil (K. I. 242669M), Dr. Ann Fenech (K. I. 28763M), Dr. Chris Said (K. I. 0018970G),**

**ghan-nom u in rapprezentanza tal-Partit Nazzjonalista**

**minflok Dr. Lawrence Gonzi, Dr. Paul Borg Olivier u Dr. Marthese Portelli**

**-VS-**

**Kummissjoni Elettorali**

**b'digriet tat-22 ta' Mejju 2013 Avukat Generali gie kjamat in kawza**

**u b'digriet 11 ta'Lulju 2013, gew kjamati in kawza**

**Onorevoli Edward Scicluna, Joe Debono Grech u Dr. Justyne Caruana u Edwin Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tal-20 ta'Marzu 2013, li jaqra hekk:

*"Illi s-sistema elettorali ghall-finijiet tal-elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-Deputati fil-Parlament Malti, kif jipprovdi Artikoli 52 u 56 f' Taqsima I ta' Kapitolu VI tal-Kostituzzjoni ta' Malta, hija dik ta' elezzjoni li ssir fuq il-principju tar-rapprezentanza proporzjonali, u kull elettur ghandu vot wiehed trasferibbli, skont Artikoli 18 u 71 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali (Kap 354 tal-Ligijiet ta Malta);*

*Illi l-Kummissjoni Elettorali hija responsabbli mit-tmexxija tal-elezzjonijiet f'kull distrett elettorali skont Artikolu 61 (6) tal-Kostituzzjoni u tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali;*

*Illi 1-Partit Nazzjonalista kien wiehed mill-partiti politici li ressaq kandidati ghall-elezzjoni generali li sehhet fid-9 ta' Marzu 2013 u li skond ir-rizultat mahrug mill-Kummissjoni Elettorali huwa gie immarkat bl-ewwel preferenza fuq mija tnejn u tletin elf, erba mija sitta u ghoxrin (132,426) polza tal-voti mixhuta mill-votanti fuq firxa ta tlettax il-distrett;*

*Illi konsegwentement ghar-rizultat elettorali, il-Partit Nazzjonalista huwa dak i1-partit f'din l-elezzjoni li huwa 1-partit li ghandu minoranza Parlamentari u fil-konfront tieghu tapplika 1-procedura fejn sabiex tinzamm proporzjonalita fir-rapprezentanza tar-rieda tal-votanti man-numru ta' deputati li jigu eletti, il-Kostituzzjoni f'artikolu 52 tipprovdi l-possibilita li sabiex tinzamm din il-proporzjonalita in-numru ta' kandidati tal-partit li ghandu l-minoranza jizdied b'numru ta' kandidati addizzjonali;*

*Illi din is-sistema li taghti kandidati addizzjonali lil dak il-Partit li jgib il-minoranza hija wahda sabiex tirrifletti l-vot tal-votanti b'mod generali u cioe sabiex tirrifletti b'mod proporzjonali l-ghazla tal-Partit mill-votanti u tassigura li tali ghazla tigi riflessa fin-numru ta' kandidati appuntati membri tal-Parlament Malta ma dak il- Partit;*

*Illi ir-rikorrenti Claudette Buttigieg kienet wahda mill-kandidati fi hdan il-Partit Nazzjonalista li kkandidat ruhha fuq it-tmien distrett u li kif jidher mill- ghadd tal-voti li saru fuq dan id-distrett hija tilfet il-possibilita li tkun eletta taht il-procedura originali applikabbli ghal kull kandidat u cioe taht il-procedura provduta fl-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali*

*(Kapitolu 354 tal-Ligijiet ta' Malta) bi tmien voti biss u l-Kummissjoni Elettorali mal-hmistax-il ghadd, ddikjarat li kien elett kandidat iehor minn Partit iehor minflokha;*

*Illi kif gie ammess mill-istess Kummissjoni Elettorali, sahansitra fil-proceduri fl-ismijiet Claudette Buttigieg v. II-Kummissjoni Elettorali quddiem il-Qorti Kostituzzjonali (rikors kostituzzjonali numru 526/2013) u li gew decizi b'decizjoni moghtija minn dik l-Onorabbli Qorti fit-13 ta' Marzu 2013, fil-ghadd tal-voti li hija gabet mill-votanti fuq id-distrett taghha gew imwarrba hamsin (50) vot li kienu jindikaw lilha bhala l-ewwel preferenza ta' hamsin (50) votant;*

*Illi kif gie ammess mill-istess Kummissjoni Elettorali dawn il-hamsin (50) vot f'ebda mument tal-ghadd tal-voti ma gew mizjuda mal-voti li gabet Claudette Buttigieg u ghalhekk in-numru tal-voti li huwa ndikat mill-Kummissjoni Elettorali bhala l-voti li hija gabet huwa skorrett;*

*Illi ukoll b'dan l-agir tal-Kummissjoni Elettorali, l-istess Claudette Buttigieg ma gietx dikjarata eletta bil-procedura ta l-elezzjonijet generali kif hija provduta fl-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali u cioe fuq l-ispinta taghha biss u tal-voti li l-kostitwenti taghha ghogobhom jaghtuha, izda minflokha gie dikjarat elett kandidat iehor fuq dan id-distrett li huwa kandidat mill-Partit Laburista u cioe il-kandidat Edward Scicluna;*

*Illi b'dan l-agir mhux biss sofriet pregudizzju Claudette Buttigieg billi hija ma gietx eletta mid-distrett bil-voti moghtija lilha u ghalhekk ir-rieda tal-votanti ma gietx rispettata fil-konfront taghha bhala kandidata, izda soffra pregudizzju ukoll il-Partit Nazzjonalista ghaliex bl-izball tal-Kummissjoni Elettorali gie dikjarat elett kandidat tal-Partit Laburista;*

*Illi permezz ta dan l-agir mhux biss ir-rizultat ma jirriflettix u jivvjola ix-xewqa tal-votanti dwar ir-rapprezentanza taghhom fil-Parlament mit-Tmien Distrett, izda konsegwentement il-Partit Nazzjonalista minhabba dan l-izball gie dikjarat li elegga biss sitta u ghoxrin (26) deputat fil-Parlament Malti meta fil-verita Claudette Buttigieg kellha tinghadd mal-membri eletti fit-Tmien Distrett f'isem il-Partit Nazzjonalista u ghalhekk izzid in-numru tal-deputati eletti f'isem il-Partit Nazzjonalista skont ir-rieda tal-elettur kif provdut skont l-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali;*

*Illi in oltre tali zball li wassal sabiex il-Partit Nazzjonalista jigi dikjarat li elegga biss sitta u ghoxrin (26) deputat fil-Parlament, wassal ukoll sabiex meta giet applikata ghalih il-procedura mahsuba f'artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u tinhadem il-formula hemm provduta, ir-rapprezentanza parlamentari tal-Partit Nazzjonalista kif tipprovdi il-Kostituzzjoni ddghajfet ghaliex id-differenza bejn in-numru ta' deputati ghal Partit fl-Oppozizzjoni u dak ghal Partit fil-Gvern safa ta disa' (9) u mhux ta seba (7) kif suppost kellu jkun kieku l-Kummissjoni Elettorali ma ghamlitx l-izball fil-ghadd kif ghamlet.*

*Illi bl-agir ammess taghha il-Kummissjoni Elettorali naqset serjament u vvjolat ix-xewqa tal-elettur kif kontemplat fil-Konstituzzjoni u fl-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali,*

*Illi r-rikorrent Frederick Azzopardi kien wiehed mill-kandidati fi hdan il-Partit Nazzjonalista li kkandida ruhu fuq it-tlettax il-distrett u li kif jidher mill-ghadd ta voti li saru fuq dan id-distrett, huwa tilef 1-possibilita li jkun elett taht il-procedura originali applikabbli ghal kull kandidat u cioe taht il-procedura provduta fl-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali (Kapitolu 354 tal-Ligijiet ta' Malta) b'disa (9) voti  biss u il-Kummissjoni Elettorali mal-ghaxar ghadd iddikjarat li kien elett kandidat iehor minn Partit iehor minnfloku;*

*Illi kif gie ammess mill-istess Kummissjoni Elettorali, sahansitra fil-proceduri fl-ismijiet Frederick Azzopardi V. II-Kummissjoni Elettorali et quddiem il-Qorti Kostituzzjonali (rikors kostituzzjonali numru 525/2013) u li gew decizi b'decizjoni moghtija minn dik l-Onorabbli Qorti fit-13 ta' Marzu 2013, fil-ghadd tal-voti fit-tmien ghadd meta kien qieghed isir it-trasferiment tal-voti ta Paul Buttigieg, kandidat iehor mal-Partit Nazzjonalista, instab li kien hemm ghaxar (10) voti nieqsa u liema ghaxar poloz ma gewx misjuba;*

*Illi minkejja li l-Kummissjoni Elettorali kienet konsapevoli li hemm ghaxar (10) poloz tal-voti nieqsa hija kompliet ghaddejja bil-ghadd minghajr ma fittxet tikkoregi l-izball u sempliciment billi immarkat b'mod skorrett l-ammont ta voti mhux trasferibbli;*

*Illi f'dan il-kaz il-Kummissjoni Elettorali konsapevoli li hemm ghaxar (10) voti "not accounted for" indikathom bhala mhux trasferibbli u ghalhekk injorat ir-rieda tal-votanti f'dawk il-poloz u konsegwentement minflokk gie dikjarat elett ir-rikorrent giet dikjarata eletta kandidata ohra fuq id-distrett, Dr Justyne Caruana, kandidata mal-Partit Laburista;*

*Illi b'dan l-agir mhux biss sofra pregudizzju Frederick Azzopardi billi huwa ma giex elett mid-distrett bil-voti moghtija lilu u ghalhekk ir-rieda tal-votanti ma gietx rispettata fil-konfront tieghu bhala kandidat, izda soffra pregudizzju ukoll il-Partit Nazzjonalista ghaliex bl-izball tal-Kummissjoni Elettorali gie dikjarat elett kandidat tal-Partit Laburista u konsegwentement il-Partit Nazzjonalista minhabba dan l-izball gie dikjarat li elegga anqas deputati fil-Parlament;*

*Illi in oltre tali zball li wassal sabiex il-Partit Nazzjonalista jigi dikjarat li elegga anqas deputati wassal ukoll sabiex meta tigi applikata ghalih il-procedura mahsuha f'artikou 52 tal-Kostituzzjoni u tinhadem il-formola hemm provduta jigi vjolat ukoll il-principju ta' proportional representation f'dan il-kaz;*

*Illi ghahekk gie vjolat id-dritt ghal elezzjonijiet liberi taht kundizzjonijiet li jizguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-ghazla tal-legislatura u dan mhux biss ghaliex gew dikjarati eletti kandidati li ma kienux eletti skond ir-rieda tal-eletturi kif espressa fil-poloz tal-vot taghhom izda anke ghaliex ma gietx rispettata r-rieda tal-eletturi fit-thaddiem tal-formula ta' rapprezentazzjoni proporzjonali bejn n-numru ta' deputati u l-voti migjuba minn partit politiku;*

*Illi n-nuqqas tal-Kummissjoni Elettorali fuq it-tmien distrett u fuq it-tlettax il-distrett wassal sabiex jigu dikjarati eletti zewg kandidati tal-Partit Laburista meta l-voti mhux kunsidrati mill-Kummissjoni Elettorali kienu voti cari favur il-Partit Nazzjonalista, wassal ukoll sabiex kemm l-elezzjoni ta' Claudette Buttigieg kif ukoll ta' Frederick Azzopardi bhala deputati fil-Parlament tkun wahda li ma tirriflettix ir-rieda tal-votanti izda b'kumbinazzjoni ghaliex hemm is-sistema ta' raprezentanza proporzjonata;*

*Illi n-nuqqas tal-Kummissjoni wassal ukoll sabiex tigi vjolata l-formola ta' raprezentanza proporzjonata provduta fl-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni bill d-distakk ta deputati bejn il-Partit Nazzjonalista u Partit Laburista huwa wiehed ibbazat fuq numri skorretti u li ghalhekk wassal biex il-partit fil-gvern ikollu distakk ta' disa (9) siggijiet minflok seba' (7) siggijiet;*

*Illi dan kollu sehh minhabba nuqqas da parti tal-Kurnmissjoni Elettorali li ma rnexxilix izzomm dik l-integrita u effettivita fl-process elettorali li l-ghan taghha huwa li tidentifika r-rieda tal-votanti b'rapprezentanza proporzjonali fil-Parlament kif tipprovdi il-Kostituzzjoni;*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara li l-mankanza fil-process elettorali fuq it-tmien distrett kif fuq deskritta u kif sejra tigi pruvata fl-mori ta' dawn il-proceduri tmur kontra l-artikolu 3 ta' l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara li l-mankanza fil-process elettorali fuq t-tlettax il-distrett kif fuq deskritta u kif sejra tigi pruvata fil-mori ta' dawn il-proceduri tmur kontra l-artikolu 3 ta' l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta Malta;*

3. *Tiddikjara li l-mankanzi fuq premessi wasslu sabiex cahdu lil Partit Nazzjonalista milli jkollu wiehed jew zewg kandidati eletti skond ir-rieda tal- votanti u dan bi ksur tal- artikolu 3 ta l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta Malta;*

4. *Tiddikjara li l-mankanzi fuq premessi waslu sabiex taw rizultat skorrett fuq ir-rapprezentanza proporzjonali skont ix-xewqa tal-elettur b'tali mod li effettwaw l-implimentazzjoni ta' 1-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u b'hekk id-distakk bejn in-numru tad-deputati mal-Partit fil-gvern u dawk mal-Partit fl-oppozizzjoni huwa zbaljat, u dan bi ksur tal-artikolu 3 ta l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;*

5. *Tordna li jigu ndirizzati l-izbalji maghmula mill-Kummissjoni Elettorali b'tali mod billi (1) r-rizultat eletorali jigi korrett bin-numru ta' deputati eletti fil-Parlament li jirrifletti rapprezentanza proporzjonali skont l-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u biex id-distakk ta' siggijiet jinzel ghal seba siggijiet kif tipprovdi il-Kostituzzjoni kontra d-distakk ta' disa' siggijiet kif wassal 1-istess zball; (2) li l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-ghazla tal-legislatura tigi rispettata u dan ukoll billi (A) Claudette Buttigieg tigi dikjarata li giet eletta skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali; u (B) Frederick Azzopardi jigi dikjarat li gie elett skond id-dispozizzijonijiet ta' l-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali.*

*5. Taghti dawk ir-rimedji ulterjuri li jidhrilha xierqa u opportuni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikata mir-rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors;

Rat li l-atti tar-rikors promotorju u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Kummissjoni Elettorali tat-8 t'April 2013, (a fol. 14 et seq.) li taqra hekk:

*"Illi 1-Kummissjoni ghandha is-segwenti x' tirrispondi dwar 1-ilment tar-rikorrenti fir-rikors precitat:*

*Dwar fatti:*

*L-intimati sejrin jikkumentaw bhala parti integrali mir-risposta taghhom dwar ir-rizultat finali;*

*Dwar ligi -*

***I1-gudizzju mhux integru***

*Ir-rikors kif inhuwa frasat jirrikjedi ta' bil-fors il-presenza tal-avukat generali in rappresentanza tal-istat Malti kif ukoll ta' dawk il-kandidati li gew eletti u li d-dikjarazzjoni dwar 1-validita tal-elezzjoni taghhom tista teffetwa il-posizzjoni taghhom. In partikolari issir riferenza ghall Onorevoli Dottor Justyne Caruana li tinsab imsemmija f' diversi partijiet tar-rikors tar-rikorrenti u li ghalhekk il-posizzjoni taghha tista' tigi pregjudikata bid-decizjoni ta' dina 1-Qorti. Il-gudizzju mhux integru ghaliex dan il-gudizzju u dawn il-proceduri ma jistghux jitmexxew il-quddiem f' 1-assenza ta' dawn il-partijiet. I1-kummissjoni la ghandha il-poter legali li taghmel il-korrezzjonijiet mitluba u lanqas is-setgha li taghti dawk ir-rimedji li qieghedin jigu mitluba minnha; inoltre huwa inkoncepibbili li 1-parlament malti jigi dikjarat bhala elett irregolarment minghajr ma 1-istat ta' Malta jkun parti ghall dawk il-*

*proceduri, u ghalkemm il-Kummissjoni tiehu hsieb it-tmexxija tal-elezzjonijiet ma tirraprezentax il-funzjoni tal-istat Malti f' materja bhal dik avanzata fil-presenti rikors.*

***I1-Kummissjoni ma hijiex il-leggittimu kontradittur***

*I1-Kummissjoni tirrispondi ghall-qadi tad-dmirijiet taghha fit-tmexxija ta' elezzjoni u sa fejn hija fdata mill-ligi b' dik it-tmexxija. Kieku 1-allegazzjoni kienet li l-Kummissjoni ippermettiet 1-perpetrazzjoni ta' kondotta korrotta jew illegali kienet tirrispondi. Imma il-presenti rikors jirrigwarda il-garanzija moghtija mill-istat Malti b' effett tat-trattat taht 1-artikolu 3 tal-ewwel Protokoll u f'dan ir-rigward il-Kummissjoni ma hijiex il-legittimu kontradittur billi 1-legittimu kontradittur se maj huwa 1-avukat generali u mhux il-Kummissjoni Elettorali. In partikolari l-Kummissjoni b' 1-ebda mod ma tista tirrispondi ghal-pretensjonijiet u jew taghti r-rimedji minnha mitluba.*

*Il-Prim' Awla ma ghandiex kompetenza f'din il-materja li hija riservata lill-Qorti Kostituzzjonali.*

***Ir-rikors gie presentat fuori termine***

*Ir-rikors gie presentat fuori termine ghaliex ma giex presentat fi zmien tlett ijiem mill-pubblikazzjoni tar-rizultat elettorali;*

***Ir-rikorrenti kellhom rimedji ohra disponibbili ghalihom***

*Il-ligi tistipula li kull minn jippartecipa f' elezzjoni jista f' kull ghadd jitlob li l-ghadd jsir mill-gdid u jippermetti lill-Kummissjoni innifisha li taghmel ghadd mill-gdid qabel ghadd jinghalaq jekk hija ma tkunx sosdisfatta bil-mod kif gie maghluq dak 1-ghadd. Kull rimedju ghall-kull zball li jista jsir, u li bir-rispett kollu, f' sitwazzjoni ta' tali komplessita, huwa mistenni li jigri, ghandu jigi rilevat immedjatament qabel mal-affarijiet jimxu ghall-ghadd li jkun jmiss. Dan il-ligi taghmlu biex tikkrea sitwazzjoni ta' certezza u anke biex timminimizza kemm jista jkun zbalji umani u genwini. Altrimenti il-process jkun interminabbili u inkonklusivi waqt li huwa evidentement f' 1-interess tal-pajjiz li 1-process tal-ghadd tal-voti jigi konkjuz f' perijodu mill-aktar qasir. Jidher li r-rikorrenti intebhu b' liz-zball hafna wara 1-ghadd f' liema ittiehed liz-zball — ghalhekk ma kienx izjed permissibili skond il-ligi li*

*wiehed jpoggi kollox lura ghall-istat ta' qabel ma ttiehed liz-zball. Fil-kaz li r-rikorrenti ittendew b' liz-zball tempestivament il-ligi kienet taghtihom rimedji biex huma jkunu jistghu jirrimedjaw dak liz-zball tempestivament. Huma ma uzufruwixxux mill-opportunita li kienet taghtihom il-ligi biex jikkorregu dak liz-zball u ghallhekk issa huma prekluzi milli jaghmlu il-presenti procedura. Jigi rilevat fir-rigward tal-Onorevoli Claudette Buttigieg u Fredrick Azzopardi li dawn irrikorrew quddiem il-Qorti Kostituzzjonali izda minghajr success. Jigi rilevat ukoll li 1-process kollu tal-ghadd jsir minn persuni imqabbda mill-Kummissjoni elettorali u jsir fil-presenza tal-kandidati, 1-agenti taghhom u delegati tal-partiti politici.*

***In-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina 1-Onorabbli Qorti***

*Id-difett ta' gurisdizzjoni ta' dina 1-Onorabbli Qorti huwa manifest sija billi il-Prim' Awla ma hijiex il-Qorti li hija kompetenti biex tiehu konjizzjoni tal-ilmenti elettorali sija ukoll billi 1-Prim' Awla ma ghandiex s-setgha li tghati 1-ordnijiet u r-rimedji mitluba. Illi r-rikors presentat jqajjem dubbji dwar il-validita u regolarita tal-elezzjoni ta' membri tal-parlament; dina hija materja mill-kostituzzjoni riservata ghall-kompetenza tal-Qorti Kostituzzjonali u ghallhekk il-Prim' Awla ma ghandiex kompetenza fir-rigward. Inoltre ir-rimedji mitluba, specjalment fir-rigward ta' dikjarazzjoni ta' elezzjoni ta' membri ghall-parlament jew elezzjoni ta' membri ohra fil-parlament jew thassir ta' elezzjoni ta' membri tal-parlament tesorbita u tohrog kompletament il-barra mill-funzjoni u 1-poter tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili.*

***In-nuqqas ta' interess tar-rikorrenti***

*Illi r-rikorrenti fuq imsemmija kif ga deciz mill-Qorti Kostituzzjonali ma ghandhomx interess guridiku fit-talbiet u ilmenti promossi bil-presenti rikors. F'dik il-kawza r-rikorrenti kienu biss 1-Onorevoli Buttigieg u Azzopardi; f" dan ir-rikors zdiedu diversi rikorrenti li kull wiehed minnhom jrid juri ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti l-interess guridiku tieghu fil-materja.*

***Ir-rizultat jirrifletti bhala proporzjon 1-ghadd tal-voti fuq 1-ewwel preferenza***

*Dwar fatti:*

*Huwa ammess li fil-kors tal-ghadda tal-voti saru zbalji konsistenti f' pakkett ta' hamsin vot fuq it-tmien distrett li ma giex korrettement allokat lill Claudette Buttigieg kif ukoll li f' l-ghadd tal-voti fit-tlettax id-distrett kien hemm numru ta' voti, inqas minn ghaxra, li setghu gew mpoggija f' pakkett skorrett u ghalhekk ma gewx konteggjati sewwa. Kopja tar-rizultat elettorali qieghed jigi hawn mehmuz. B' dana kollu, ghalkemm dan seta forsi affettwa ir-rizultat elettorali, l-effett li tali zbalji seta kellhom fuq ir-rizultat finali jibqa bil-fors kongetturali; 1-izbalji huma fil-parametri ta' zbalji umani li kwasi necessarjament jigru f' kull komputazzjoni matematika. Fil-fatt l-izbalji gew rintraccjati fi stadju avanzat tal-ghadd tal-voti u kien f' dak 1-istadju li saru lamenti u oggezzjonijiet mill-kandidati u 1-kaz spicca quddiem il-Qorti Kostitutzzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali bid-decizjoni taghha lliberat lill-Kummissjoni mill-osservanza tal-gudizzju, kopja tas-sentenza hija hawn mehmuza.*

*Dwar il-ligi fuq din il-materja —*

*Jigi notat li 1-artikolu in kwistjoni ma jorbotx ruhu ma sistema ta' votazzjoni partikolari, jew mal-produzzjoni ta' rizultat li bil-fors jkun proporzjonali. L-artikolu jipprotegi u jghati dritt ghaz-zamm ta' elezzjonijiet hielsa minn prattici korotti jew illegali u dan huwa evidenti li gie rispettat u osservat sija mill-ligi kemm ukoll mill-kummissjoni nonostante liz-zballji li bhala fatt gew ammess hawn fuq. Huwa ta' minn jinnota u huwa importanti li l-komposizzjoni ahharija tal-Kamra tad-Deputati tirrifletti fis-sustanza il-proporzjonijiet li 1-partiti gabu fuq 1-ewwel ghadd u dan indipendentement mill-hdim tal-mekkanizmi legali kontemplati biex dan il-perecentagg jigi rispetta. Ghallhekk fis-sustanza ma kien hemm 1-ebda lesjoni tad-dritt lamentat.*

***Il-fatti ma jammontawx ghall-lesjoni tal-artikolu 3***

*Illi bhala fatt ma hemm 1-ebda lesjoni tad-dritt protett mill-artikolu tlieta billi bhala fatt inzammew elezzjonijiet hielsa liberi minn kull kondotta korotta jew prattika illegali u dan kif trid il-kostituzzjoni, il-ligi, u t-trattat. Il-possibilita li ttiehdu zbalji teknici fit-trasferiment u l-ghadd tal-voti b' 1-ebda mod ma jwassal ghall-sitwazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet kontemplati f' 1-artikolu 3 li wara kollox huwa hemm biex jassigura elezzjonijiet hielsa u dwar dan ma hemm 1-ebda dubbju. Jekk fil-kors ta' 1- ghadd ittiehdu xi zbalji li 1-partijiet interessati ma ikkoregewx tempestivament b' 1-ebda mod ma jwassal ghall-vjolazzjoni ta' dan 1-artikolu. Huwa rilevanti f' dan il-kuntest li 1-partijiet kellhom 1-opportunita kollha fil-ligi li jissalvagwardaw tajjeb il-posizzjoni taghhom u li r-rizultat ahhari jirrifletti*

*proporzjonalment korrettement ir-rieda tal-poplu liberament espressa. Jinghad ukoll li kieku il-Kummissjoni intebhet b' liz-zball tempestivament kienet tikkorregieh u dan ma setghetx taghmlu minhabba li l-ghadd f' liema liz-zball ittiehed kien ilu li inghalaq u ma setghax skond il-ligi jerga jinfetah.*

*Ghaldaqstant 1-esponenti jissottomettu bir-rispett li t-talbiet tar-rikorrenti jigu rigettati."*

Rat id–decizjoni ta' din il-Qorti tat-22 ta'Mejju 2013 (a fol. 47 et seq.);

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-5 ta' Gunju 2013 (a fol. 92 et seq.) li taqra hekk:

1. *"Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti qeghdin jallegaw vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom kif sanciti fl-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzloni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) stante mankanzi fil-process elettorali fuq it-tmien u t-tlettax il-distrett u talbu wkoll rimedju ghal tali allegata lezjoni.*

2. *Illi l-esponent jirrespingi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet li ser jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:*

3. *Illi fl-ewwel lok u* ***in linea preliminari*** *–*

   *(i) in kwantu l-ilment tar-rikorrenti huwa ppernjai fuq materja li tolqot 1-elezzjoni ta' membri fil-Parlament tezisti L-karenza ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tisma' u tiddeciedi dwar dan il-lanjanza u r-rimedju mitlub stante li hija l-istess Kostituzzjont a tenur tal-Artikolu 63 li tipprovdi li tali mertu ghandu jigi ndirizzat quddiem il-Qorti Kostituzzjonali;*

   *(ii) in-nuqqas ta' nteress guridiku tar-rikorrenti membri parlamentari l-Onor. Claudette Buttigieg u l-Onor. Frederick Azzopardi fil-proceduri odjerni kif diga' gie deciz mill-Qorti Kostittuzzjonali fit-13 ta' Marzu 2013[1];*

[1] Claudette Buttigieg vs Kummissjoni Elettorali (Rik Nru 526/13 u Frederick Azzopardi vs Kummissjoni Elettorali (Rik Nru 525/13)

(iii) *kull wiehed mir-rikorrenti l-ohra ghandu jipprova x'inhu l-interess guridiku tieghu biex jippromwovi l-proceduri odjerni;*

(iv) *Il-prezentata tar-rikors promotur saret tardivament ghaliex sehhet wara l-iskadenza tat-terminu ta' tlett ijiem mill-pubblikazzjoni tar-rizultat elettorali;*

(v) *in linea mal-katina ta' gurisprudenza kostanti, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tesercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha a tenur tal-Artikolu 4 (2) tal-Att XIV tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropea stante d-disponibilita' ta' mezzi ohra xierqa ta' rimedju ordinarju li r- rikorrenti kellhom sabiex jivvantaw il-pretensjonijiet taghhom. Il-ligi li tirregola l-elezzjonijiet generali tipprovdi mekkanizmu prattiku, effettiv u effikaci sabiex ilmenti dwar l-ghadd tal-voti jig" ndirizzati fil-mument propizju. Jidher li r-rikorrenti jew min minnhom rrra utrhzzawx dawn ir-rimedji fil-mument opportun skont il-ligi irnma agixxew tardivament wara li l-ghadd in kwistjoni kien inghalaq. Isegwi ghalhekk li la mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat kienu disponibbli favur ir-rikorrenti skont ligi ohra ordinarja, anke jekk huma ma uzawhomx, ma jistghux issa jadixxu quddiem i1-Qrati fil-vesti straordinarja taghhom sabiex ifittxu lill-Istat jew il-Kummissjoni ntimata ghal xi ksur tad-drittijiet taghhom.*

(vi) *in kwantu l-ezitu tal-proceduri odjerni jimpingi direttament fuq id- drittijiet ta' persuni ohra eletti fil-Parlament, il-proceduri odjerni ma jistghux jipprocedu 'l quddiem b'success minghajr ma tinghata 1- opportunita' lil dawk il-membri parlamentari l-ohra li jkunu parti fil-proceduri odjerni.*

4. *Illi fit-tieni lok u* ***fil-mertu*** *l-esponent jeccepixxi li fl-elezzjonijiet tad-9 ta' Marzu 2013 l-Istat Malti b'rispett shih lejn il-principju tad-demokrazija osserva rigorozament l-obbligu tieghu ghal finijiet tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghax zamm elezzjoni libera f intervall xieraq b'votazzjoni sigrieta, taht kundizzjonijiet li zguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-ghazla tal-legislatura.*

5. *Illi l-istess Artikolu jikkoncedi margini wiesgha t'apprezzarnettt lill-Istat fir-rigward tar-regolamentazzjoni tal-process elettorali u fl-elezzjoni tad-9 ta' Marzu l-Istat agixxa pjenament fil-parametri ta' dik il-margini.*
6. *IIIi anke kieku kellu jigi koncess li kien hemm xi nuqqasijiet fl-ghadd tal-voti, zgur ma jistax jinghad li l-konsegwenza taghhom kienet tali ti ppregudikat ir-rieda tal-poplu fl-ghazla tal-legislatura.*

7. *Illi anzi skrutinju tar-rizuitat elettorali tal-2013 ghandu juri bl-aktar mod car li l-persentagg tal-voti tal-ewwel ghadd huwa korrettement proporzjonali mal-persentagg ta' siggijiet fil-Parlament.*

*Ghaldaqstant u fid-dawl tas-suespost rikorrenti ghandhom jigu respinti minn dina l-Onorabbli Qorti u dan bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id–decizjoni ta' din il-Qorti tal-11 ta' Lulju 2013 (a fol. 127 et seq.);

Rat ir-risposta tal-kjamat in kawza Edwin Vassallo tat-22 t'Awwissu 2013 (a fol. 142 et seq) li taqra hekk:

*"Illi huwa ha konjizzjoni tar-rikors promotorju wara li huwa gie ikkjamat fl-kawza fl-ismijiet premessi permezz ta' decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti moghtija fil- 11 ta' Lulju 2013;*

*Illi mil-premessi spjegati fir-rikors promotorju jidher li r-rikorrenti isemmu zewg nuqqasijiet li sehhew fil-process tad-deterrnrnazzjoni tar-rieda tal-eletturi, u li kull wiehed minnhom jammonta ghal vjolazzjoni tad-dritt ghal elezzjomjiet liberi taht kundizzjonijiet li jizguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-eletturi;*

*Illi tali nuqqasijiet huma responsabbilita tal-Kummissjoni Elettorali billi hi responsabbli mill-process li bih tigi determinata r-rieda tal-eletturi u tali nuqqasijiet saru f'cirkostanzili kienu taht il-kontroll tal-Kummissjoni Elettorali li kienet obbligata tara li nuqqasijiet bhal dawn ma jsirux u mhux li tkompli tipperpetwahom;*

*Illi huwa kien kandidat mal-Partit Nazzjonalista fuq it-trnien distrett fejn il- Kummissjoni Elettorali naqqset billi ippermettiet li hamsin (50) vot kollha indikati bhala voti ghal kandidata Claudette Buttigieg u cioe kandidata mal-istess partit politiku jigu mwarba u mhux ikkalkolati mal-voti li lilha inghataw mill- eletturi;*

*Illi b'dan in-nuqqas il-Kummissjoni Elettorali mhux talli cahdet lill-eletturi mill- ghazla taghhom izda sahansitra ma rrispettatx l-ghazla taghhom u ppennettiet li jigi dikjarat elett kandidat ta' partit politiku iehor;*

*Illi b'konsegwenza ta' dan il-kandidata Claudette Buttigieg ma gietx dikjarata eletta ghab-bazi tar-rieda tal-votanti izda giet dikjarata eletta biss permezz tas- sistema ta' ripeskagg li tirregola l-Kostituzzjom fis-sistema ta' rapprezentanza proporzjonata b'dan izda li filwaqt li cahdet lil Claudette Buttigieg mid-dritt taghha li tigi eletta skond il-volonta tal-eletturi waslet sabiex iccahhad lilu milli jigi dikjarat elett b' din is- sistema ta' rapprezentanza proporzjonata;*

*Illi ghalhekk in-nuqqasijiet da parti tal-Kummissjoni Elettorali, nuqqasijiet li baqaw jigu pperpetwati minkejja li l-Kummissjoni kellha opportunita li tikkoregihom waslu sabiex filwaqt li vjolaw ir-rieda tal-eletturi, effettwaw ukoll is-sistema ta' rapprezentanza proporzjonata skond il-Kostituzzjoni b'tali mod li ppregudikaw ukoll il-pozizzjoni tieghu;*

*Illi nuqqas ta' natura differenti ukoll sehh fit-tlettax (13) il-distrett fejn gew mitlufa madwar ghaxar (10) voti li waslu sabiex kandidat iehor tal-Partit Nazzjonalista ma jigix dikjarat elett u jigi dikjarat elett kandidat ta' partit iehor, b'tali mod li dan ukoll effettwa il-hidma tas-sistema ta' rapprezentanza proporzjonata li kompliet tippregudika l-pozizzjoni tal -esponent ;*

*Illi dawn in-nuqqasijiet jammontaw ghal vjolazzjoni tad-dritt ghal elezzjonijet hielsa kif protett mill-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*Illi ghalhekk l-esponent jaqbel mat-talbiet imressqa mir-rikorrenti nomine fir- rikors promotodu u ghal liema ghandu jinghata rimedju effettiv fosthom li jsir dak kollu mehtieg sabiex jig, dikjarati eletti dawk li r-rieda tal-votant turi li kellhom jigu eletti u tigi korretta*

*ukoll il-hidma tas-sistema tar-rapprezentanza proporzjonata b'tali mod li l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni jigi rispett;*

*Tant ghandu x'jirrispondi l-esponent."*

Rat ir-risposta tal-kjamati in kawza l-Onor Justyne Caruana, Onor. Joe Debono Grech u Onor. Edward Scicluna tat-23 t'Awwissu 2013 (a fol. 145 et seq.) li taqra hekk:

1. *Preliminarjament, in-nuqqas ta'gurisdizzjoni ta'din il-Qorti billi bil-ligi hija biss il-Qorti Kostituzzjonali li hija kompetenti biex titratta kwistjonijiet dwar il-validita' tal-elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-beputati, jew il-validita' u t-thassir ta' xi elezzjoni.*[2]

2. *Preliminarjament ukoll, in-nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrenti membri parlamentari l-Onor. Claudette Buttigieg u l-Onor. Frederick Azzopaldi fil-proceduri odjerni kif diga' gie deciz mitl-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2013*[3]*,waqt li r-rikorrenti 1-ohra ghandhom jippruvaw l-interess guridiku taghhom.*

3. *Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju, din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setgha taghha skont l-Artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea*[4] *billi r-rikorrenti kellhom disponibbli mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat minnhom, kemm taht l-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali kemm taht il-Kostituzzjoni.*

4. *Preliminarjament ukoll, u f'kull kaz, kwalunkwe azzjoni fil-materja hija perenta ghaliex skada t-terminu ta' tlett ijiem wara l-pubblik azzjoni tar-rizultat ufficjali tal-elezzjoni.*[5]

5. *Fil-meritu, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea. L-elezzjoni tad-9 ta' Marzu 2013*

[2] Kostituzzjoni,Art 95(2)(a)(b), Art. 56 u Art 63; u Att dwar l-Elezzjonijiet Generali (Kap 354) Art 115(1) u Art 117.

[3]Claudette Buttigieg vs Kummissjoni Elettorali (Rik Nru 526/13 u Frederick Azzopardi vs Kummissjoni Elettorali (Rik Nru 525/13).

[4] Kap. 319

[5] Kostituzzjoni Art. 56(5)

*saret skond il-Kostituzzjoni u l-ligijiet tal-pajjiz fir-rispett tad-drittijiet kollha sanciti bl-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.*

6. *F'kull kaz u minghajr pregudizzju wkoll, anke fis-sustanza il-komposizzjoni tal-Kamra tad-Deputati tirrifletti l-proporzjonijiet li l-partiti gabu fl-ewwel ghadd tal-voti.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri"*

Rat id–decizjoni ta' din il-Qorti tal-13 ta' Jannar 2014 (a fol. 361 et seq.);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet tar-rikorrenti tat-18 t'Awwissu 2014(a fol.497 et seq.);

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet tal-Kummissjoni Elettorali tat-18 ta'Setembru 2014 (a fol.534 et seq.);

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet tal-Avukat Generali tas-17 t'Ottubru 2014 (a fol.561 et seq.);

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet tal-kjamati in kawza tal-21 t'Ottubru 2014 (a fol.546 et seq.);

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Fredrick Azzopardi a fol. 160 et seq. ikkonferma li huwa kien kandidat fuq it-tlettax –il distrett fl-elezzjoni li ghaddiet. L-ilment tieghu kien dwar l-ghaxar voti neqsin u li baqghu ma nstabux. Fredrick Azzopardi xhed illi f'ebda hin tul il-process ma inghata indikazzjoni li dawn l-ghaxar voti gew imfittxija. Azzopardi xhed li huwa kien inghata l-ahbar li fil-fatt gie elett, u dan fil-fatt gie imxandar fuq il-mezzi tax-xandir. Ftit wara izda kienu cemplulu w informawh li l-kandidata tal-Partit Laburista kienet talbet *recount*. Mitlub jghid meta sar jaf bl-izball, Azzopardi xhed li jidher li l-izball :

> ***"beda mill-bidu; fit-tmien count meta gew mitfughin il-voti biex jigu mqassma il-voti ta' Paul Buttigieg irrizulta li f'dak il-bundle tieghu kien hemm ghaxar voti neqsin. Waqaf ghal ftit il-process biex jaraw isibuhomx, u baqghu ma sabuhomx l-ghaxar voti. Jigifieri dak il-hin indunajna li, u dawn l-ghaxar voti baqghu ghadejjien jidhru dejjem. Fil-fatt imbaghad biex kompla il-process dan kien hemm decizjoni li jitnizzlu mal-voti non transferable votes. Biex issir ir-reconciliation."***- a fol. 161

Fredrick Azzopardi xhed illi qabel ma ntalab ir-*recount* mill-kandidata tal-Partit Laburista, huwa kien erba' voti minn quddiem u wara ir-*recount* ir-rezultat kien ta' disa' voti minn taht. Azzopardi xhed illi minkejja r-*recount* **dawn l-ghaxar voti baqghu ma nsabux**. Fredrick Azzopardi ikkonferma li ebda membru tal-Kummissjoni Elettorali ma kienet kelmitu waqt il-process tar-*recount*.

Fredrick Azzopardi xhed li llum huwa Membru tal-Parlament tramite l-emenda Kostituzzjonali **minhabba li l-partit tieghu kien gab mitejn u erbghin (240) vot aktar mill-partit oppost fit-tlettax –il distrett.**

In kontro ezami Fredrick Azzopardi xhed illi fil-kamra tal-ghadd tal-voti huwa ma rax l-Ittra E hdejn ismu 'l ghaliex huwa ma kienx hemm u kien biss ha l-ahbar minghand il-kollegi tieghu. Ikkonferma illi bhala kandidat huwa kellu dritt li jkun prezenti waqt l-ghadd tal-voti u li jipprotesta jekk jara xi irregolarita', u li jkollu l-agent tieghu bl-istess drittijiet. Fredrick Azzopardi xhed illi l-izball **gie skopert** fit-tmien *count*, izda hadd ma kien jaf ezattament **meta** l-izball ittiehed. Azzopardi ikkonferma illi hu, jew l-agent tieghu, kien prezenti waqt il-process shih tal-ghadd tal-voti, izda dan l-izball ma kienx wiehed illi hu seta' jinduna bih, 'l ghaliex l-ghaxar voti sparixxaw mill-*bundle* ta' Paul Buttigieg. Azzopardi xhed illi waqt illi kien hemm ftehim illi dawn il-voti mmorru man-*non transferable votes,* **kien hemm ukoll kondizzjoni illi jekk dawn jaffetwaw ir-rezultat ahhari, allura jsiru diskussjonijiet ulterjuri – vide fol. 171.** Azzopardi xhed illi ma setghax jitlob *recount* tat-tmien *count* f'dak il-hin 'l ghaliex ma kienx il-kandidat involut sa dak il-mument. Azzopardi xhed li kien hemm hames *counts* ohra in segwitu tat-tmien *count* illi fihom ma dehrlux li kellu jinterponi oggezzjoni. Azzopardi xhed illi kellu jigi elett bil-mod normali u gie elett biss minhabba l-

emenda Kostituzzjonali. Fil-kontro ezami Azzopardi ikkonferma li huwa kkontesta din il-kwistjoni bi proceduri appoziti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u li kien intavola il-proceduri odjerni, ‘l ghaliex baqa’ mhux sodisfatt bir-rezultat. In ri ezami Fredrick Azzopardi xhed illi huwa impossibbli sabiex kandidat jew l-agent tieghu isegwu l-process shih tal-ghadd tal-voti ‘l ghaliex ikun hemm erba’ persuni jghoddu l-voti u l-ghadd, it-tqassim u l-*placement* tal-voti isiru fuq zewg livelli.

Dr. Ian Micallef a fol. 177 et seq. xhed illi fl-elezzjoni generali skorsa huwa kien sotto delegat tal-Partit Nazzjonalista u dana fuq id-distretti kollha tal-pajjiz. Dr.Micallef xhed illi meta inqala’ l-ilment dwar it-tlettax –il distrett huwa ma kienx prezenti, izda kienu prezenti Boris Scerri u Dylon Zammit. Ghar-rigward tal-intopp li nqala fit-tmien distrett Dr. Micallef xhed illi huwa kien prezenti meta dan fegg. Huwa xhed illi kienu ser jibdew l-ghadd tal-voti ta’ Michael Axiaq sabiex jaraw it-trasferiment tal-voti tieghu fejn kienu ser imorru, meta gie skopert illi fost il-voti ta’ Axiaq, kien hemm pakkett ta’ hamsin *1st preference votes* ta’ Claudette Buttigieg. **Dr. Micallef xhed illi l-*band* illi jorbot il-pakkett ta’ hamsin voti kellu miktub fuqu l-isem ta’ Michael Axiaq minflokk dak ta’ Claudette Buttigieg.** Dr. Micallef xhed li kien talab li process jieqaf, kellem lil-kandidata Buttigieg, taha formola appozita sabiex titlob *recount* u din giet mghoddija lill-Kummissjoni Elettorali li waqqaf il-process sakemm tigi risolta din il-problema. Il-Kummissjoni Elettroali laqqa’ iz-zewg partiti u d-decizjoni kienet ***“illi ghalkemm jafu li hemm zball pero jhossu li huma ma jistghux imorru lura biex dak l-izball jigi irrangat.”*** Saru protesti ghal din id-decizjoni **ma kull *count* sussegwenti**. Qabel ma ttiehdet id-decizjoni tal-Kummissjoni, Dr Micallef xhed illi kienu ghamlu sottomissjonijiet bil-miktub, iffirmata mill-kandidata Buttigieg pero ma setghax jiftakar jekk kienitx giet iffirmata minnu wkoll.

Dr. Micallef ikkonferma illi dan l-izball wiehed ma jistaghx jinduna bih ‘l ghaliex wiehed jista’ josserva li l-voti jidhlu f’garzella specifika, izda meta dawn jitqieghdu f’pakketi u l-pakketti imorru f’garzelli fuq nett, wiehed ma jistghax isegwi ghalkemm hemm tlett *supervisors* li suppost ikunu qeghdin jissorveljaw.

Apparti li ipprotestaw f’kull count sussegwenti, *“ma stajna naghmlu xejn aktar at that point.”* – vide fol. 181.

Dr. Chris Said a fol. 184 et seq., Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista xhed li l-elezzjoni li ghaddiet huwa kien involut bhala wiehed mill-kandidati fuq it-tlettax –il disrett li fihom sar wiehed mill-izbalji izda ma kienx prezenti meta inkixef l-izball. Dr. **Said xhed illi l-partit kien rikorrent f'din il-kawza 'l ghaliex kellu interess fuq zewg binari:**

**L-ewwel wiehed** 'l ghaliex fl-assenza tal-izbalji fiz-zewg distretti cioe' tmienja u tlettax, irrezultat finali ghal-partit tieghu fiz-zewg distretti kien **ikun tlett deputati ghal-Partit Nazzjonalista u zewg deputati ghal-Partit Laburista, minflok vice versa.**

**It-tieni nett**, bis-sistema matematika fi hdan il-Kostituzzjoni ta' Malta ta' ripeskagg f'mankanza ta' dawn l-izbalji, **d-differenza ta' deputati fil-Parlament bejn il-Gvern u l-oppozizzjoni kienet tkun ta' seba' deputati u mhux disa' kif inhi qedgha llum.**

Dr. Said xhed illi ghall-partit rikorrenti in oppozizzjoni **distakk ta' seba' minflok disa' deputati taghmel differenza fil-hidma tal-oppozizzjoni matul il-kors tal-legislatura kollha** – fol. 185- 186.

In kontro-ezami Dr. Said jichad illi d-differenz fin-numru ta' siggijiet kienet biss ipotezi. Dr. Said sostna illi l-izball ta' pakkett ta' hamsin vot ta' Claudette Buttigieg fit-tminn distrett u li l-ghibien ta' ghaxar voti fit-tlettax-il distrett, **kienu fatti illi gew stabbiliti mhux biss mill-Kummissjoni Elettorali** izda gew stabbiliti **ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni taghha**. Dr. Said xhed illi ma hadimx il-persentagg ta' voti fl-ewwel ghadd li gab il-Partit Nazzjonalista u l-persentagg ta' deputati mit-total tal-membri tal-kamra deputati, u ma jafx jekk dan il-persentagg jaqbilx. Dr. Said xhed illi l-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tiggarantixxi l-espressjoni tal-poplu fl-elezzjoni tigi rispettata, minghajr ma jsiru zbalji, u gialadarba l-izbalji ma gewx rettifikati kellhom isiru dawn il-proceduri. Ghalkemm Dr. Said emmen illi dawn l-izbalji ma sarux intenzjonalment, huwa sostna illi apparti il-proceduri ordinarji ta' kif jistghu jigu risolti l-izbalji, hemm proceduri ohra li wiehed jista' jirrikorri ghalihom inkluz quddiem il-Qorti ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Dr.Said xhed illi wiehed mir-rimedji hu li wiehed li jinduna bil-izball ghandu dritt li jattira l-attenzjoni tal-Kummissjoni Elettorali, waqt li l-istess Kummissjoni hija obbligata li tara li l-izbalji ma jsirux, u jekk isiru accidentalment tara li dawn jigu rettifikati. Dan ma jipprekludix it-tehid ta' passi ohra bhal dawn odjerni u ohrajn quddiem il-Qrati – vide fol. 191.

Boris Scerri is-sottodelegat tal-Partit Nazzjonalista xhed a fol. 192 et seq. illi skond il-ligi kull partit jista jkollu sa sittax –il sottodelegat fis-sala tal-ghadd tal-voti. Bi ftehim bejn il-partijiet, dan in-numru gie awmentat ghal sitta u ghoxrin u jinkludu l-kapijiet tal-partiti. Is-sottodelegati ikunu bejn tmienja jew ghaxra, u jahdmu b'sistema ta' *shifts* ta' bejn erbgha u hamsa sottodelegati. Scerri ikkonferma li meta inqalghet il-problema fuq it-tlettax –il distrett il-Kummissjoni Elettorali kienet indirizzat lilu. Infatti *Chief Commissioner* Dr. Buttigieg, Louis Fsadni u Anthony Gellel kienu gew ikelmuh 'l ghaliex meta, fuq it-tlettax-il distrett gew biex iqassmu il-voti ta' Paul Buttigieg waqt it-tmien *count* , **ma setghux jirrikonciljaw il-voti u sabu disa' voti neqsin – vide fol. 193**. Scerri xhed illi it-tminn *count* kien ghadu miftuh. Scerri xhed illi l-Kummissjoni **ma ordnatx *recount* fis-sens li gew iccekjati is-*sorting* u cioe' jew il-voti tqassmux fil-garzella koretta, izda sempliciment ordnat li jergghu jinghaddu l-voti ta' dak il-*count***. Scerri xhed li f'ebda hin ma ra xi dokument li indika li kien hemm zball. Huwa ikkonferma li ftehmu mall-Kummissjoni li jitkompla il-process tal-ghadd tal-voti u jekk id-deskrepanza ma tfeggx fil-*count* sussegwenti, Dr. Buttigieg qalilhom: *"isma inthom dejjem ghandkhom id-dritt at a later stage ovvjament jekk ma taqblux fir-rezultat finali, tistghu tappelaw minnu."* - a fol. 195 u 196.

Boris Scerri xhed illi zball ta' wiehed jew zewg voti neqsin jigri f'kull elezzjoni u dan l-izball jigi rizolt ghax jinstab fizikament fil-*count* sussegwenti, izda **f'dan il-kaz dawn id-disa' voti qatt ma feggu fil-*count* sussewenti. Ghal dan it-tip ta' zball qatt ma kienet tigi prezentata formola ghal-*recount*.**

In kontro-ezami Scerri xhed illi **sas-seba' *count* l-ghadd tal-voti kien jirrikoncilja perfettament sal-anqas vot – a fol. 199**, u l-izball fegg biss fit-tminn *count*, b'diskrepanza ta' disa' voti neqsin. Scerri xhed illi l-voti tat-tminn *count* fuq it-tlettax –il distrett inghaddu mill-membri tal-Kummissjoni stess bejn tlieta u erba' darbiet. Kien wara dan illi Dr. Buttigieg kien tal-opinjoni li l-process tal-ghadd tal-voti ghandu jitkompla, b'dana li skond Dr. Buttigieg *"dejjem ghandkhom cans ta' right of recount izda il-quddiem jekk inthom ma taqblux fl-ahhar."* – fol. 200. **Din kienet decizjoni li ttiehdet mill-Kummissjoni bi qbid tad-delegati taz-zewg partiti. Illi wara dan kompla l-ghadd tal-voti u ma saret ebda oggezzjoni ulterjuri.**

Vanni Ganado a fol. 205 et seq., *Electoral Commisioner* xehed li kien prezenti meta fegget il-problema fuq it-tminn distrett. Ganado xehed illi fil-erbghatax-il *count* kien gie eliminat

Michael Axiaq li kellu 1792 –il vot, u dawn il-voti kellhom jitqassmu fil-garzelli tal-kandidati li kienu ghadhom ma gewx eletti jew eliminati. Kien f'dan l-istadju illi nstab pakkett ta' hamsin vot li indikaw lil Claudette Buttigieg fl-ewwel preferenza. Immedjatament, ingibed l-attezzjoni tal-partit rikorrenti, waqaf l-ghadd tal-voti, saru l-protesti u l-Kummissjoni zammet laqgha li fiha kien prezenti l-Avukat taghha Profs. Refalo. Il-Kummissjoni ikkonfermat illi ma kienx possibbli illi jinfethu l-ghadd tal-voti tal- *count* precedenti ghall-erbghatax –il *count*, u li l-partit rikorrenti seta' biss jirrikorri quddiem il-Qorti sabiex jigi rizolt dan l-izball. Il-pakkett ta' hamsin vot ta' Claudette Buttigieg gie iccekkjat minn Tony Gellel u nstab li pakkett tal-hamsin voti kienu kollha ta' Claudette Buttigieg. Il-partit rikorrenti ghamel talba bil-miktub iffirmata mill-kandidata Buttigieg u Dr. Ian Micallef, u *Chief Electoral Commissioner* irrisponda illi l-ghadd tal-voti kien ser ikompli, izda stabilixxa bhala fatt illi meta gew biex jigu trasferiti il-voti ta' Michael Axiaq fl-erbghatax il-ghadd kien instab pakkett ta' hamsin vot kienu jikkontienu hamsin *1st preference votes* ta' Claudette Buttigieg li ma kienx ta' Axiaq izda kien ta'Claudette Buttigieg. L-ittri gew ezebiti u mmarkati bhala V u V1, a fol. 221 u 222. Wara tali decizjoni l-ghadd tal-voti kompla u finalment gie elett Dr. Edward Scicluna u mhux Claudette Buttigieg. Il-hamsin vot ta' Claudette Buttigieg gew meqjusa *non transerable votes*, ma gewx imnaqqsa minn ta' Michael Axiaq jew mghoddija fuq Claudette Buttigieg. **Illi d-differenza bejn il-voti ta' Edward Scicluna li gie elett (3688) u dawk ta' Buttigieg (3680) kienu ta' tminn (8) voti,** u dana minkejja li l-Kummissjoni kienet konxja li kien hemm hamsin vot ta' Buttigieg li ma gewx kalkolati mal-voti taghha. Il-Kummissjoni f'dan il-mument ma hadet ebda azzjoni ulterjuri, ghajr li l-Partit Nazzjonalista kellu jaghmel rikors.

Ganado xhed illi l-ligi biss tipermetti *recount* tal-voti, u taghti *recount* totali skond il-*General Elections Act*. Dan it-tip ta' *recount* kien sehh f'okkazzjoni wahda biss fl-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali ta' Haz-Zebbug. Din kienet prassi unika u qatt ma regghet saret. **A fol. 214 Ganado kien tal-fehma li l-izball ta' 50 *1st preference votes* ta' Buttigieg sar waqt l-ewwel *count*.**

Mitlub jghid l-effett tal-izball tal-hamsin vot ta'Claudette Buttigieg fuq is-sistema tal-formola matematika tas-siggijiet addizzjonali fil-Parlament, Ganado xhed is-segwenti:

> ***"Jekk qed nifhem tajjeb int qed issaqsini kieku l-hamsin vot marru lura ghand Claudette, tnaqsu minn non transferable Claudette kienet***

***tkun eletta, mela l-Partit Nazzjonalista kien jigi twenty seven (27) u l-PL kien ikollu thirty eight (38). Il-formola li hija parti mill-Article 52 of Constitution or clause 23 tat-13th sheduled tal-General Elections Act li jaghti ezatt x'ghandek taghmel u ma taghmilx tiehu t-total ta' kull partit, l-unijiet, first count, you divide them by the eventual number of candidates declared , johrog the average votes per candidate elected. Issa mela ghandek two (2) averages, partit ikollu generalment an average inqas mill-average l-iehor, mela dak il-partit uza inqas voti biex itella kandidati tieghu. Mela l-Cooption Act tghid, mela tiehu l-voti issa l-unijiet tal-partit l-iehor u tiddividieh mhux bl-average tieghu imma bl-average tal-partit li kellu inqas. Mela minghar Claudette Buttigieg ir-rizultat ta' dik, u fil-fatt fuq hekk gew il-Membri tal-House kien thirty nine (39), thirty (30) u hekk fil-fatt hadu l-gurament etc, etc, ghax dejjem trid tispicca with the odd number. Issa jekk ahna ddikjerajna lil Claudette u mhux kandidat iehor fit-tmien (8) Distrett ir-rizultat ta' l-Elezzjoni kien ikun thirty eight (38) twenty seven (27). Bil-co-option u bir-regola tal-co-option ir-rizultat kien ikun finali thirty eight (38) thirty one (31). Mela d-differenza hawn hija illi bejn iz-zewg partiti f'wiehed kien ikun hemm disgha (9) u fl-ohra hemm sebgha (7). Id-differenza wkoll jaghmel fl-individwi, fl-ewwel kaz, jigifieri kif gara il-Partit Nazzjonalista kellu erbgha (4) to bie coopted li kienu Azzopardi Fredrick, Buttigieg Claudette, Mifsud Bonnici Carmelo u Mifsud Bonnici Poala. Kieku telghet Claudette kienet tinqala mill-erbgha (4) ghax il-Partit Nazzjonalista kellu dritt ta' erbgha (4) ohra, kienet tinqala Claudette ghax kienet tkun eletta u mat-tlieta l-ohra li huma Fredrick, Carmelo u Paola kien jidhol Edward Vassallo u kienet tigi thiry eight (38) thirty one (31)."***

Vanni Ganado xhed illi ma kienx involut direttament fil-problema tat-tlettax-il distrett izda jaf ili kien hemm kwistjoni ta' disa' jew ghaxar voti nieqsa, u gie deciz li l-ghadd tal-voti jitkompla minghajr ma saru il-formoli bil-miktub. Ganado pero sostna::

*"Qorti:* ***Xi hadd, min hu dan ix-xi hadd li sab dawn l-ghaxar (10) voti?***

*Xhud:* ***Jigifieri l-istaff, meta tispicca election in a division, il-voti kollha jigu ssiljati b'kandidat, kandidat, bil-dik taghhom, mela waqt li qeghdin jissiljawhom sabu pakkett ta' ghaxra, imma dak il-pakkett ma giex ezaminat, jigifieri ma nistghux nghidu jekk hemmx tnejn (2), wiehed (1), xejn ta' Fredrick u li jaffettwa r-rizultat, ma nistghux nghiduh."*** - Vide fol. 217 tal-process

In kontro-ezami, Vanni Ganado ikkonferma illi l-hamsin vot li kien instab fil-garzella ta' Michael Axiaq li irrizulta li kienu unijiet tar-rikorrenti Buttigieg gew akkreditati lil Partit Nazzjonalista. Ganado ikkonferma li x'aktarx l-izball sar fl-ewwel *count.* Ganado ikkonferma li kieku kien gie skopert l-izball fl-ewwel *count*, dan l-izball seta' gie retifikat u l-pakkett ta' hamsin voti jigu retornati lir-rikorrenti Buttigieg. Dan ir-*recount* seta' jsir biss kieku xi hadd intebah bl-izball.

In ri-ezami, Ganado ikkonferma li l-Kummissjoni ma ndunatx bl-izball fl-ewwel *count* u li kien prezenti fl-istadji kollha tal-elezzjoni.

Anthony Gellel a fol. 256 et seq xehed illi hu, flimkien ma Fsadni, kienu *Managers* tas-sala tal-Ghadd tal-Voti, impjegati mal-Kummissjoni ghall-Elezzjonijiet. Anthony Gellel xehed illi waqt l-erbghatax –il *count*, kien gie informat dwar il-pakkett ta' hamsin voti b'ewwel preferenza moghtija lil Claudette Buttigieg liema pakkett gie skopert waqt li kienu qed jitqassmu il-voti ta' Michael Axiaq u l-Kummissjoni ddecidiet li **dawn il-hamsin vot kellhom jitqieghdu man-*non transferable votes*.**

Il-Membri tal-Kummissjoni prezenti dak il-hin li hadu d-decizjoni kienu c-Chief Commissioner Dr.Buttigieg, Maggur Ganado u Tony Sultana.

**Kull wiehed mill-pakkett ta' hamsin vot, kien jindika lil Claudette Buttigieg bhala *1st preference* (a fol. 260). Gellel xehed li huwa ma ha ebda decizjoni dwar dan il-pakkett ta' hamsin vot, u rrefera kollox lil Kummissjoni.**

In kontro ezami Gellel spjega l-process tal-ghadd tal-voti. Huwa sostna illi jinfethu l-kjaxxi tal-voti, il-voti jitqieghdu wicchom l-isfel f'pakketti ta' hamsin. Dawn jigu mghoddija lil-*counting assistants* li jaqilbu l-voti l-fuq u jaraw n-*number one* lil liema partit gie moghti u jitqieghdu fil-garzella tal-kanditati. F'kaz ta' vot dubbjuz, dan jmur ghand il-*commission* li tiddeciedi fuqu.

Meta jitqassmu l-voti kollha skond l-ewwel preferenza jinghaddu u jitqieghdu f'pakketti ta' hamsin ta' kull kandidat.

Il-voti jittellghu fuq il-garzelli l-ohra li huma taht il-kontroll tas-*supervisors*. Ma kull pakkett ta' hamsin voti issir *wrapper* bil-kulur tal-partiti rispettivi, u fuq kull pakkett jitnizzel isem il-kandidat mill-*counting assistant*. Wara li jghoddu l-voti tal-kandidati kollha jsir rikonciljazzjoni tal-voti.

Imbaghad jibda t-tieni *count* u t-tqassim ta' voti zejda mill-kandidat li jkun kiseb il-quota. It-tieni ghadd jinhadem proporzjonalment fuq il-voti kollha tal-kandidat li jkun qieghed jiret minghandu – a fol. 265.

***Av. P. Lia :*** ***Proporzjon. Issa, mit-tielet ghadd –***

***Xhud:*** ***Issa meta ssir is-somma tal-proporzjon,jekk kandidat kellu, gie moghti nghidu ahna mija u ghoxrin u issa meta hdimna l-proporzjon sibna li tmenin ghandhom jinzammu mill-kandidat orginali u ghoxrin ghandhom jinghataw lil dak li wirithom. Allura jittiehdu ghoxrin vot minn fuq ta' dan il- pakkett ta' tmenin -***

***Av. P. Lia :*** ***At random.***

***Xhud:*** ***L-ewwel ghoxrin vot, minn fuq, minn fuq.***

***Av. P. Lia :*** ***Minn fuq.***

***Xhud:*** ***Hekk hu. Jigifieri mhux jigbduhom minn fejn iridu. Hemm procedura - minn fuq. Jittiehdu l-ghoxrin vot minn fuq u dawk l-ghoxrin vot jinghataw lil min wirithom, it-tmenin vot imorru lura ghand il-kandidat***

*li kien gie elett biex ikollu komplessivament, ikollu l-kwota.*

*Av. P. Lia : Issa, imbaghad it-tielet ghadd?*

*Xhud: Issa, jekk it-tielet ghadd ikun surplus ukoll, ikun bhalu. Meta nispiccaw is-surplus, spiccajna s-surpluses, issa mbaghad nibdew ghall- eliminazzjonijiet tal-kandidat. Jigifieri eliminat dak il-kandidat illi ghandu l-inqas voti. Meta jigi eliminat il-kandidat li ghandu l-inqas voti, naqbdu l-voti kollha ta' dak il-kandidat, jinghataw lis-sorters, again, jergghu jqassmuhom ghan-next available preference, imbaghad meta qassmuhom kollha jghodduhom, issa din id-darba kullma wiehed jiret, jiehdu.*

*Av. P. Lia : Hekk hu! Jigifieri, halli niftehmu car ghax din hija importanti - fl-ewwel ghadd ghandna proporzjon, meta issa nigu ghal dawk l-ghoxrin li nqabdu minn fuq u dahlu ma' ta' kandidat iehor, jekk jigi biex jirithom haddiehor, ma nergghux naraw min kienet il-preferenza wara l-ewwel ghadd imma fejn mar minn hemm 'il quddiem. Ma nahdmux izjed proporzjonijiet.*

*Xhud: Erga' ghid id-domanda.*

*Av. P. Lia : This is the tricky part fil-verita'.*

*Qorti: Erga' aghmel id-domanda.*

*Av. P. Lia : Dawk l-ghoxrin vot li nqabdu mill-wicc u marru ghand kandidat iehor –*

*Xhud: sewwa,*

*Av. P. Lia :jekk jigi biex jinghata issa l-preferenza ta' warajhom, nergghu mmorru ghat-tmenin vot l-ohra li baqghu hemm jew dawk l-ghoxrin vot biss jitqiesu?*

*Xhud: Ara, it-tmenin vot illi baqghu, dawk huma parti mill-kwota tal-kandidat li gie elett. Ma' dawk it-tmenin hemm il-mijiet l-ohra biex komplessivament ikollu pakkett ta' kemm kienet il-kwota, nghidu tlett elef u*

> ***sitt mija, mela hemm dak il-pakkett ta' tlett elef u sitt mija dak hemmhekk u mhu se jintmess xejn iktar, dak marbut, dik il-kwota."***

Gellel xehed illi jekk kemm –il darba jerga jibda il-process mill-gdid u jithaltu l-voti kollha, minhabba li l-ewwel ghoxrin vot mehud minn fuq ikunu *random* – jekk jerghu jinghaddu l-voti jista' jkollok rezultat differenti ghaliex ***"l-ewwel ghoxrin ta' issa mhux se jkunu l-istess ghoxrin vot tal-ewwel."-*** a fol. 268

Gellel xehed li finalment id-decizjoni hija tal-Kummissjoni dwar meta u kif vot jintefa mad-dubbjuzi u jew jigix dikjarat *non transferable vote*- a fol. 271.

Gellel ikkonferma li talba ghal-*recount* setghet saret, pero ma ftakarx. **Anthony Gellel xhed illi Michael Axiaq qatt ma seta' wiret il-hamsin vot tal-kandidata Claudette Buttigieg, li dawn kienu *1st preference* ta' Buttigieg li kienet ghadha ma gietx eliminata. Huwa sostna li l-voti ta'Axiaq kollha kellhom it-*tag* ta' ismu inkluz il-pakkett ta' hamsin ta' Buttigieg**.

A fol. 279 et seq. Maggur Ganado in kontro-ezami xehed illi l-Kummissjoni, fuq parir tal-Professur Refalo, (u b'referenza ghal-kwistjoni ta' hamsin vot ta' Claudette Buttigieg) kienet baghtet ghaz-zewg partiti u nformathom li l-partit rikorrenti kellu jaghmel rikors. Il-partit rikorrenti ghamel protesta bil-miktub li giet ezebita in atti. Dan il-protest kien gie ddettat mill-Professur Refalo fil-prezenza tar-rapprezentanti taz-zewg partiti. Il-membri tal-Kummissjoni Elettorali prezenti kienu c-Chief Commissioner Dr. Buttigieg , Dr. Zammit Maempel, Tony Sultana u Salvu Sant.

Maggur Ganado xehed illi l-Kummissjoni kienet iddecidiet illi hija ma setghetx tmur lura u tiftah *counts* maghluqa u li ghalhekk il-partit rikorrenti kellu jintavola rikors quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Dan l-*understanding* ma kienx redatt fi ftehim formali bil-kitba. Maggur Ganado xhed illi l-Qorti Kostituzzjonali tramite Artikolu 15 tat-tielet skeda (tlettax –il skeda) tal-Att Dwar l-Elezzjonijiet Generali tal-Kapitolu 354, kellha is-setgha illi tordna *recount* parzjali jew totali. Maggur Ganado ikkonferma illi dan ir-rikors lil Qorti Kostituzzjonali sar u li dik il-Qorti kienet iddecidiet li ma kienx hemm korrezzjoni xi ssir. **Ghar-rigward ta' dak illi gara fl-Elezzjoni tal-Kunsilli f'Haz-Zebbug, minhabba nuqqas ta' rikonciljazzjoni**

**tal-voti, kienet ittiehdet decizjoni *"illi nergghu imorru lura pass pass bil-pakketti fil-garzelli"* – fol. 284. Din it-tip ta' *recount* ma kienitx kontemplata fil-ligi in vigore ta' dak iz-zmien, izda saret 'l ghaliex qabblu z-zewg partiti.** Minn dak il-punt il-quddiem il-Kummissjoni ddecidiet li ma tmurx lura mill-*count* li jkun infetah.

In segwitu tal-protest ta' Claudette Buttigieg u in segwitu tad-decizjoni tal-Kummissjoni Elettorali ***"li ma tistax skond ill-ligi tiftah ghadd li jkun diga maghluq u pubblikat, iddecidiet li tkompli bl-ghadd tal-voti skond il-ligi, "***- a fol. 286, il-kandidata Buttigieg ma ghamlet xejn izjed, izda intavolat rikors quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Maggur Ganado **ikkonferma li sa fejn jaf hu qatt ma sar *reconcilation* tat-*tags* li jorbtu il-paketti tal-voti.** Il-Maggur Ganado ikkonferma a fol. 287 u 288 illi l-pakkett ta' hamsin vot ta' Claudette Buttigieg kienu iccekjati minn Anthony Gellel u misjuba illi kienu *1st preference votes* ta' Claudette Buttigieg. Maggur Ganado ikkonferma illi ma saru ebda verifiki fuq il-voti l-ohra kollha (apparti il-pakkett ta' hamsin vot misjub mal-voti ta' Axiaq) li rceviet Buttigieg.

B'referenza ghall-ghaxar voti nieqsa fuq it-tlettax-ildistrett Maggur Ganado xhed illi dan il-pakkett ta' ghaxar voti kien gie misjub minn Louis Fsadni, liema pakkett kien gie numerat sebgha u erbghin (47) minn numru originali tieghu ta' sebgha u tletin (37), liema pakett kien jikkontieni ghaxar voti zejda – a fol. 289. Dwar dawn l-ghaxar voti neqsin ma kien sar ebda protest bil-miktub, il-process twaqqaf temporanjament u l-process baqa' ghaddej. L-ghaxar voti neqsin kienu gew skoperti fit-tminn count tat-tettax-il distrett. Il-Maggur Ganado xhed illi dawn l-ghaxar voti ma setghux jitqieghdu man-*non transefarble votes* 'l ghaliex dawn ma setghux jinstabu fizikament. Mistoqsi jekk jiftakarx li fis-sena 2008 fit-tlettax-il distrett zewg pakketti ta' voti tal-kandidata Caruana ma nstabux u li l-ghadd tal-voti baqa' ghaddej, Maggur Ganado irrisponda li ma jiftakarx dan il-kaz.

In ri-ezami Maggur Ganado xhed illi d-decizjoni tal-Kummissjoni dwar il-hamsin vot ittiehdet biss mill-membri tal-Kummissjoni u l-Avukat taghha u din id-decizjoni giet imhabbra lil kandidata Buttigieg – a fol. 291 u 292. Maggur Ganado xhed illi skond il-parir ta' Profs. Refalo, l-Kummissjoni stess ma setghatx tintavola rikors il-Qorti kontra taghha stess sabiex jigi rimedjat l-izball, u din kellha ssir minn Claudette Buttigieg, ghalkemm ir-riperkuzzjonijiet kienu jaffetwaw lil partit rikorrenti ukoll. Huwa xhed illi r-*recount* illi sehhet fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali f'Haz-Zebbug saret bi ftehim bejn il-partiti, l-Kummissjoni Elettorali u l-Avukat taghha. Wara li gie ppublikat ir-rizultat tal-elezzjoni u matul il-

procedura tas-sigill tal-voti, kienu nstabu l-ghaxar voti. Jirrizulta ukoll illi meta sar ir-*recount* f'Haz-Zebbug ma kienx sar dikjarazzjoni ta' rizultat.

Claudette Buttigieg a fol. 301, xhedet illi hija kienet kandidata fuq zewg distretti (it-tminn u tnax-il distrett) f'isem il-Partit Nazzjonalista fl-elezzjonijiet tas-sena 2013,u kienet prezenti ghall-ghadd u tqassim tal-voti ghal zmien konsiderevoli specjalment lejn l-ahhar tal-process. Hija xhedet illi peress illi deher illi kellha aktar cans titla mit-tminn distrett, hija tefghet l-attenzjoni taghha fuq dan id-distrett. Claudette Buttigieg tat deskrizzjoni tal-process tal-ghadd tal-voti u kif hija, flimkien ma grupp t'agenti u kandidati, kienu qeghdin jissorveljaw il-process tal-ghadd tal-voti u l-mument illi bdew jinfethu l-voti ta' Michael Axiaq u kif gie skopert il-pakkett ta' hamsin vot li indikaw lilha bhala l-ewwel preferenza minkejja li dan il-pakkett kien stivat mal-voti ta' Axiaq. Fil-fatt Claudette Buttigieg giet imsejha mill-Kummissjoni li nformawha li kien hemm zball li ser ikellmu lir-rapprezentanti tal-partit. Ir-rapprezentanti tal-partit Angelito Sciberras u Dr. Ian Micallef dahhlu mal-membri tal-Kummissjoni jiddiskutu u ghalkemm il-Kummissjoni irikonoxxa *"li kien hemm zball"* zball li Buttigieg assumiet li kien ser jigi rimedjat dan il-pakkett ta' hamsin vot spicca biex tqieghed mal-voti dubbjuzi. Claudette Buttigieg xhedet illi dana kollu kellu impatt fuqha. Ghaldaqstant hija mxiet fuq il-parir li tawha l-Avukati taghha u hadet il-passi neccessarji quddiem il-Qorti kompetenti.

Buttigieg xhedet li hija Membru tal-Parlament minhabba li l-ligi tipprovdi aggustament, izda ssostniet illi hija suppost giet eletta bil-kapacita' taghha u mhux minhabba aggustamenti legali. Di piu Buttigieg xhedet illi l-voti ta' hamsin persuna li urew fiducja fiha gew imwarrba u msakkrin f'kexxun b'titolu ta' dubbjuzi. Buttigieg xhedet illi fit-tminn distrett tela' minklofha Edward Scicluna li sussegwentement ceda id-distrett, u tela' minfloku Joe Debono Grech. Buttigieg xhedet illi fl-erbghatax –il *count* hija kellha 3664 voti waqt li Edward Scicluna kellu 2543 voti.

In kontro-ezami Buttigieg xhedet illi waqt illi hija ma kellhiex kwota, hija xorta wahda kellha aktar voti mill-Onorevoli Edward Scicluna. Claudette Buttigieg xhedet li hija kellha tistenna li jsir il-kalkolu skond il-Kostituzzjoni sabiex hija tigi eletta, u kkonfermat li giet dikjarata eletta u hadet il-gurament mad-deputati l-ohra kollha, bl-istess doveri u jeddijiet bhal Membri Parlamentari l-ohra. Buttigieg ikkonfermat li l-agent taghha kien maghha f'kull hin. Mistoqsija dwar it-*tags* li bihom kienu marbutin il-pakkett tal-hamsin vot, Buttigieg xhedet li

sa fejn taf hi, dawn ma kienux miktuba minn qabel izda kien hemm persuna li kienet fizikament qeghda tiktibhom. Claudette Buttigieg xhedet li mal-iskoperta tal-izball, l-Avukati taghha talbu ghar-*recount*, izda d-decizjoni tal-Kummissjoni Elettorali kif imfissra lilha mill-Avukat Dr. Ian Micallef kienet fis-sens li gialadarba l-izball sar fl-ewwel *count* ma setghux jergghu jifthu il-*counts* maghluqa. **Claudette Buttigieg xehdet illi l-pakkett ta' 50 voti taghha tqedu ma voti dubbjuzi meta dawn kienu voti validi u ma kienu dubbjuzi xejn - vide fol 325. Buttigieg ikkonfermat illi dawn il-50 voti bl-ewwel preferenza mghotija lilha gew allokati lill-partit nazzjonalista fil-kalkolu tal-ewwel *count* – vide fol 326.**

In ri-ezami Claudette Buttigieg xehdet li l-persuna li kienet qed tikteb it-tags mal-pakketti ta' 50 vot kienet supervisor femmina u li fl-ahhar *count* tat-tmien distrett dawn il-50 voti ma kienux inkluzi man-numru ta' voti allokati lilha.

Dr Paul Borg Olivier a fol 387 xehed li kien is-segretarju generali tal-partit rikorrenti fl-elezzjoni ta' Marzu 2013 u li flimkien mal-kollegi tieghu, kien qieghed fis-sala tal-ghadd tal-voti biex jissorvelja l-process. Huwa esebixxa Dok PB01 a fol 398 li juru il-konteggi matematici ta' kif tinhadem is-sistema ta' ripeskagg skond il-Kostituzzjoni u l-Iskeda 13 tal-Att li jirregola l-Elezzjonijiet Generali. Dawn il-konteggi gew mahduma mix-xhud. Huwa kkonferma illi r-rizultat imhabbar mill-Kummissjoni Elettorali kien dak illi jidher f'dokument PB01 inkwadrati bil-griz u cioe' rizultat illi holoq 39 siggu ghall-Partit Laburista u 26 siggu ghall-Partit Nazzjonalista u li meta inhadment il-formola matematika tat distakk ta' disa' siggijiet bejn il-partiti, b'dana li l-Partit Nazzjonalista tella' erba' siggijiet addizzjonali.

Dr Borg Olivier xehed li nhadmet il-formola wkoll fejn il-50 vot meritu "tal-izball" inghataw lil Claudette Buttigieg li rrenda rizultat ta' 38 siggu ghall-Partit Laburista u 27 siggu ghall-Partit Nazzjonalista. Il-formola matematika skond il-Kostituzzjoni tirrendi xorta wahda erba' siggijiet addizzjonali ghall-Partit Nazzjonalista b'distakk pero' ta' seba' siggijiet.

Dr Borg Olivier xehed illi nhadmet ukoll il-formola li f'cirkostanzi fejn l-"izbalji" gew rettifikati u Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi gew eletti fejn allura ir-rizultat kien jirrendi 28 siggu ghall-Partit Nazzjonalista u 37 ghall-Partit Laburista u li bil-formola tal-matematika skond il-Kostituzzjoni kienet tirrendi zewg siggijiet ulterjuri ghall-Partit Nazzjonalista b' distakk ta' seba' siggijiet u mhux disa'.

Dr. Borg Olivier xhed illi l-pregudizzju ghal Partit nazzjonalista kien mhux biss t-telf ta'kandidati *in their own right*, izda nuqqas ulterjuri fil-kompozizzjoni ta'delegati Nazzjonalisti fil-Parlament. Dr. Borg Olivier spjega li Dok. PB01 fejn l-ewwel kollonna hemm t-total tal-voti taz-zewg partiti: PL 167 533; PN 132 426.

It-tieni hija n-numru ta'kandidati eletti taz-zewg partiti. Huwa spjega illi t-tielet kolonna hija l-*average quota* - *quota* gdid skond il-formula tal-ligi elettorali biex tasal ghal numru ta' kandidati addizzjonali Din tinhadem billi jigu diviz total tal-voti bin-numru tas-siggijiet / deputati eletti *as of right* – taghmel divizjoni ta' numri ta' voti li z-zewg partiti jiksbu biex tohrog kwota gdida ghar-rapprezentanza ekwa bejn voti miksuba u numru ta' siggijiet.

Dr. Borg Olivier xhed illi r-raba kolonna hija numru ta' siggijiet meta tinhadem il-formula matematikament. Il-Kostituzzjoni tesigi illi jrid ikun hemm numru farrad fil-komposizzjoni tal-Parlament u ghalhekk trid tasal ghal numru l-aktar vicin ghan-numru farrad. Il-kolonna *odd total* hija in fatti n-numru farrad ta' siggijiet.

Il-kolonni sussegwenti juru n-numru ta' siggijiet/ deputati addizzjonali, waqt li l-ahhar kolonna turi d-distakk ta' deputati / siggijiet bejn il-partiti – a fol. 391.

Dr. Borg Olivier xhed illi n-numri li huma *in Bold* – huma il-formala mahduma fejn il-hamsin vot gie maghduda mal-voti li kisbet Claudette Buttigieg.

It-tieni set ta'numri *in bold* huma mahduma f'xenarju fejn l-isbalji gew rizolti u gew eletti Buttigieg u Azzopardi.

Il-metodu ta' komputazzjoni mahduma minn Dr. Borg Olivier giet murija lil Dr. Anton Buhagiar li kkonferma il-korettezza tal-komputazzjonijiet raggunti.

In kontro-ezami Dr. Borg Olivier xhed illi ma kienx partecipi fil-makkinarju Kostituzzjonali ntiza sabiex l-persenteggi ta'voti miksuba mill-partit rispettivi jkun riflett fin-numru ta' deputati.

Huwa stqarr illi r-rezultat pronunzjat mill-Kummissjoni Elettorali ma kienux perfetti. Borg Olivier xhed illi ghalkemm skond il-Kostituzzjoni il-Parlament ghandu jkun  konstitwit minn hamsa u sittin (65)-il deputati, dan in-numru jikber bis-sistema ta' ripeskagg.

Huwa sostna illi permezz tal-izball tal-Kummissjoni Elettorali, zball ammess minnha stess, d-distakk bejn il-partiti kien ta' disa' (9) deputati minflok ta' seba'(7).

In kontro-ezami Dr. Borg Olivier xhed illi l-anomalija  fid-distrett ta'Ghawdex u ta' Birkirkara gie kontestat quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

Dr. Anton Buhagiar *lecturer* l-Universita' ta' Malta fil-Matematika, a fol. 399, xhed illi huwa hadem il-formula matematika tal-ripeskagg skond Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni. Huwa ezebixxa Dok. AB1, a fol. 411. Dr. Anton Buhagiar spjega kif nhadmet il-formula skond r-rezultat attwali mahruga mill-Kummissjoni. (u cioe il-*working* mahdum f'*Scenario* 1)

Fit-tieni *Scenario* spjega kif tinhadem il-formula f'kaz li l-Partit Laburista kiseb tmienja u tletin (38) –il siggu u l-Partit Nazzjonalista kiseb sebgha u ghoxrin (27) –il siggu u cioe'  illi l-voti li kiseb il-Partit Laburista jigu divizi b' tmienja u tletin (38) siggu, li jaghti l-quota ta' erbgha t'elef u tmienja (4408). Il-voti miksuba mill-Partit Nazzjonalista jigu divizi b'din il-quota ta' erbgha t'elef u tmienja (4408) u b'hekk jirrizulta tletin punt erbgha (30.4) –il siggu. Mis-somma ta'  tletin punt erbgha (30.4) jigi imnaqqsa siggijiet dikjarati eletti cioe' sebgha u ghoxrin (27).

Rezultat totali ta'siggijiet huwa = 38  +
30.4
68.4

In-numru farrad l-aktar vicin huwa ta' disgha u sittin (69) Ghalhekk siggijiet jigu:
38 PL
31 PN – 4 siggijiet addizzjonali
7  Distakk

Bl-istess manjiera Profs. Buhagiar spjega xenarju fejn r-rezultat ahhari kien sebgha u tletin siggu (37) ghal-Partit Laburista u tmienja u ghoxrin (28) ghal-Partit Nazzjonalista, fejn in-numru totali ta' siggijiet skond in-numru farrad l-aktar kien ta'sebgha u sittin –il siggu.

37 PL

30 PN

7 Distakk - Vide a fol. 411 dorso.

Profs Buhagiar xhed illi Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni jipprovdi Formula Matematika u mhux interpretazzjonijiet (a fol. 404)

In kontro-ezami Profs Buhagiar xhed illi huwa hadem il-formula skond *scenarios* indikati jew suggeriti lilu li pero: *"Kont naghmilhom jien xorta"* – a fol. 405. Huwa xhed illi Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni kien ntiz sabiex f'kaz ta' distakk bejn voti u siggijiet, dan id-distakk jigi rezolt. Profs. Buhagiar xhed illi l-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni johrog formola li mhux dejjem taghti rezultat gusti. **Profs Buhagiar xhed illi l-Artikolu 52 jiddependi mhux biss mill-*first count votes* akkwistati mill-partijiet rispettivi, izda ukoll min-numru ta'siggijiet jew deputati eletti – a fol. 409.**

Louis Gatt, a fol. 416 Vici President tal-Partit Laburista, Kap tal-Ufficcju Elettorali tal-Partit Laburista u wiehed miz-zewg (2) delegati tal-Partit Laburista fil-Kummissjoni Elettorali xhed illi d-delegati jiffacilitaw il-komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni Elettorali u l-partit. Xhed illi l-rwol tieghu kien li jorganizza, jharreg in-nies fil-process tal-ghadd tal-voti mill-bidu sal-ahhar (a fol. 417).

Illi apparti d-delegati, hemm hamsa u ghoxrin (25) –il sottodelegat. Il-funzjoni taghhom hi li jirraportaw kull irregolarita' lid-delegati, li mbaghad jaghmlu rapprezentazzjoni taghhom lil Kummissjoni ELettorali. Louis Gatt xhed illi d-delegati u s-sottodelegati ghandhom access ghal kull parti tas-sala tal-ghadd tal-voti, kemm minn quddiem u kif ukoll minn wara l-*perspex*. Huwa xhed illi ghar-rigward tal-voti dubbjuzi dawn jigu ezaminati mill-Kummissjoni Elettorali flimkien mad-delegati tal-partit.

Di piu' kien hemm zewg persuni nominati mill-partiti fuq kull mejda ta' disgha (9) *counting assistants*. Jkun hemm tlett (3) *counting supervisors, supervisor* maghzul minn kull partit u wiehed maghzul mill-Kummissjoni Elettorali. Gatt xhed illi apparti dan, wara il-*perspex* jkun

hemm il-*counting hall agents* tal-partiti, l-kandidati u l-agenti taghhom. Gatt xhed illi jkun hemm diskrepanza f'kull elezzjoni u li dawn jigu decizi mill-Kummissjoni Elettorali u fejn ma tinstabx soluzzjoni il-voti jintefghu man-*non transferable votes*, haga li kwasi tigri ma kull elezzjoni (a fol. 420)

Gatt ikkonferma l-izball jew l-anomalija tas-sejbien tal-pakkett ta' hamsin (50) *1st preference votes* ta'Claudette Buttigieg mal-voti ta'Michael Axiaq fit-tminn (8) distrett. Gatt spjega l-process tal-ghadd tal-voti a fol. 421. Huwa xhed illi meta gie skopert il-pakkett ta' hamsin (50) vot ta' Claudette Buttigieg dan ma setghax jintiret minnha, Claudette Buttigieg ghaliex kien jmiss is-sitt (6) preferenza. Gatt xhed illi l-ligi tipermetti *recount* izda gialadarba *count* jinghalaq ma jistghax jerga jinfetah (a fol. 424).

Gatt xhed illi il-Partit Nazzjonalista talab *recount*. Il-Kummissjoni Elettorali, kienet iddeliberat, u hadet decizjoni li ma setghatx tiftah il-*counts* maghluqa.

Ghar-rigward tat-tlettax (13) id-distrett, pakkett voti ta' Paul Buttigieg kellu ghaxar (10) voti nieqsa u ghaldaqstant ntaqlab *recount* tal-istess ghadd, izda ma nstab xejn. Il-Kummissjoni Elettorali ddecidiet li dawn jigu konsiderati *non transferable votes*.

In kontro-ezami Gatt xhed illi meta jkun hemm zball jintalab ghadd mill-gdid tal-*count* miftuh jew vigenti. Gatt xhed li delegat m'huwiex membru tal-Kummissjoni Elettorali. Huwa sostna illi meta nqalghu l-anomaliji fuq it-tminn (8) u tlettax (13)-il distrett, ma kienx fizikament fis-sala tal-ghadd tal-voti, izda kien in kuntatt ma Fredrick Azzopardi li nformah li kien sar zball.

Gatt xhed li zbalji bhal dawn graw fil-passat u ccita **l-kaz ta' Justyne Caruana fejn kienu sabu sa mitt (100) vot anqas.** Ccita ukoll il-kaz ta'John Dalli fil-*by-election* fejn **nstabu voti ta' kandidati ohra**, qalb il-voti ta' Dalli. **F'ebda wiehed minn dawn il-kazijiet ma kien ccahhad s-siggu tal-kandidat** (a fol. 431). **Gatt xhed illi biex tithaddem il-formola, trid titlaq mir-rizultat ta'kemm gibt siggijiet (a fol. 432).** Gatt sostna illi l-pakkett ta' hamsin (50) vot inghadd mal-unijiet ta' Michael Axiaq u **ghalhekk il-voti kienu gew akkreditati lil Partit Nazzjonalista.**

Gatt xhed illi insegwitu tal-izball ta' hamsin (50) vot, dawn ma ntirtux u marru f'kexxun mad-dubbjuzi. Gatt xhed illi sar *recount* izda Claudette Buttigieg xorta giet eskluza minn dawn il-hamsin (50) vot. Ghar-rigward t'Ghawdex wara r-*recount,* xorta ma nstabux l-ghaxar (10) voti nieqsa (a fol. 435) u dan dawn il-voti nieqsa gew addebitati man-*non transferable votes*. Gatt xhed li l-ghaxar (10) voti kienu negligibbli mal-voti mitfuha fit-tlettax (13) –il distrett – **pero ghal dak li gie dikjarat elett, ma kienux negligibbli.**

Fit-tieni kontro ezami tieghu a fol. 439, Gatt gie konfrontat bid-decizjoni tal-Kummissjoni Elettorali li ddikjarat il-hamsin (50) voti *non transferable* u x-xhieda ta'Gellel fuq l-istess kwistjoni. Gatt finalment xhed li ma kien cert jekk intirtux il-hamsin voti ta' Claudette Buttigieg – a fol. 441. Gatt kkonferma illi **sabiex tinhadem il-formula matematika kontemplata f'Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni, trid tiehu bhala numru diviziv in-numru ta'deputati eletti - a fol. 442.** Gatt xhed li l-Kummissjoni Elettorali kienet eletta taht Gvern Nazzjonalista u **li ma kien hemm ebda problema ta' nies li ma thallewx jivvotaw, jew problema dwar segretezza tal-vot, jew problemi fil-*polling booths* u li l-elezzjoni kienet pulita, nadifa u korretta – a fol. 444.**

Michael Falzon a fol. 448 et seq. Election Manager mal-Partit Laburista, Deputy Leader tal-istess partit u delegat tal-Partit Laburista mal-Kummissjoni Elettorali, ikkonferma li kellu tnejn u ghoxrin (22) sena esperjenza fl-elezzjonijiet. Hu stqarr li r-rizultat tal-elezzjoni ta'Marzu 2013, kien ta'proporzjonalita' stretta fl-ewwel ghadd (*1st preference votes*) ma siggijiet.

Huwa stqarr illi l-anomalija tal-hamsin (50) vot ta'Buttigieg ma kellhom l-ebda effett fuq il-proporzjonalita' ta' siggijiet mal-voti tal-ewwel ghadd. Michael Falzon spjega r-raguni 'l ghaliex darba jinghalaq *count* (eccetto *1st count*) huwa impossibbli jerga jinfetah u jigi rikostruwit, - a fol. 451 u dan minhabba r-*randomness* tas-sistema tal-wirt fejn ghoxrin (20) vot jittiehed mill-wicc tas-*surplus* ta' kandidat wiehed, u jitqieghed fil-garzella ta'kandidat iehor.

Ghar-rigward t'Ghawdex ikkonferma li ma nstabux ghaxar (10) voti, izda l-*count* kien maghluq u ma setghax jinfetah il-*count* precedenti.

In kontro-ezami Falzon xhed li kien prezenti ghal anomolija fit-tlettax (13) –il distrett u gie nformat bin-nuqqas ta'ghaxar (10) voti. Falzon sahaq illi l-proporzjonalita' stretta tas-siggijiet hija marbuta mal-ewwel *count*, (a fol. 457) u li s-sistema ta' ripeskagg kienet konsegwenza ta' dan il-principju (a fol. 458):

> ***"...fl-ewwel ghadd tela' l-proporzjon li gibt, jekk hemm differenza, jekk is-siggijiet ma jirriflettux dak il-proporzjon izzid is-siggijiet accordingly"*- a fol. 461**

**Michael Falzon xhed li huwa mhuwiex matematiku u ma setghax, su due piedi, jahdem il-formula matematika.**

Fredrick Azzopardi delegat tal-Partit Laburista a fol. 469, xhed dwar il-komposizzjoni tal-Kummissjoni Elettorali. Xhed ukoll dwar in-numru tad-delegati, u sottodelegati ta' kull partit. Spjega l-rwol u l-funzjoni tad-delegati kien illi jsegwi l-process shih tal-ghadd tal-voti.

Fit-tlettax (13) –il distrett waqt t-tminn (8)*count* , meta nfethu il-voti ta'Paul Buttigieg li suppost kellu sitt mija tmienja u sebghin (678)- il vot , sabu ghaxar (10) voti nieqsa.

Qabel dan il-mument hadd ma kien qajjem xi oggezzjoni.  Meta fegget din anomalija, ltaqghu il-partiti u l-Kummissjoni u gie deciz li jergghu jinghaddu l-voti b'modd informali ta' Paul Buttigieg. Dan sar  ghal-darba, darbtejn, izda r-rezultat baqa' l-istess.  Il-Kummissjoni u z-zewg partiti qabblu li l-ghaxar voti nieqsa jigu akkreditati man-*non transferable votes* – a fol.470, u tkompla il-process tal-ghadd tal-voti.

Fl-ghaxar (10) *count* il-kandidata Justyne Caruana kisbet disa' (9) voti aktar mill-kandidat Azzopardi, u l-Partit Nazzjonalista oggezzjona.  Rega' ltaqghet il-Kummissjoni Elettorali mal-partiti u sar protest li gie segwit bi proceduri fil-Qorti - a fol. 472.

**Id-delegat Azzopardi sostna li l-ghan tal-emendi Kostituzzjonali kien li l-percentwali tal-voti moghtija kull partit jigi rifless fil-percentwali ta' kandidati tieghu eletti fil-Parlament.**

Xhed li f'dan il-kaz il-percentwali :

"***Kienu kwazi kwazi identici" "... kienu qrib hafna"*** a fol. 473

Azzopardi xhed li zball jigi korrett permezz ta' *recount*, tal-*count* illi jkun ghadu miftuh u qieghed fil-process li jinghadd, izda ma jistax jintalab *recount* ta'*count* maghluq u ppubblikat. Dana 'l ghaliex meta jkun hemm *surplus*, il-mod ta' kif jigu trasferitit il-voti huwa *random* u jekk il-voti jergghu jinghaddu jista' jkollok rizultat divers – fol. 474.

In kontro-ezami Azzopardi ikkonferma li l-Partit Nazzjonalista kienet irregistrat oggezzjoni mal-Kummissjoni Eletteroli fit-tlettax (13) –il distrett. Ghar-rigward tat-tminn (8) distrett, Azzopardi xhed li l-Parit Nazzjonalista ma rregistra ebda oggezzjoni fl-ewwel *count* meta sar l-izball tal-hamsin *1st preference* votes ta' Claudette Buttigieg. Dan l-izball fegg fit-tlettax (13) -il *count* (fol. 477). Huwa sostna illi l-ghan tal-emendi Kostituzzjonali kien illi jkun hemm *strict proportionality* – vide fol 478.

Mitlub jahdem il-formula matematika ai termini tal-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u l-iskeda 13 tal-*General Elections Act*, xhed illi *su due piedi* huwa ma setghax jahdem din il-formula. Sussegwentement xhed li huwa kien kapaci jahdimha izda mhux fuq assunzjonijiet proposti mill-parti l-ohra.

Dr. Justyne Caruana a fol. 494a et seq. ikkonfermat li kienet ikkontestat l-elezzjoni generali ta' Marzu 2013 fuq id-distrett t'Ghawdex. Hija sostniet ukoll illi kellha esperjenza bhala sottodelegat tal-Partit Laburista f'elezzjonijiet precedenti. Hija ddeskriviet l-atmosfera fil-*counting hall* bhala wahda animata u konfuzjonarja – vide fol. 494b Dr. Caruana sostniet li kien hemm tminn (8) minn nies responsabbli ghall-ghadd tal-vot fid-distrett t'Ghawdex u ghaldaqstant kienet difficli sabiex wiehed isegwi. Hija sostniet illi kienet indunat illi wahda minn dawn in-nies kienet tefghet voti ta' kandidat f'garzella ta' kandidat iehor ripetutament u ghalhekk kienet oggezzjonat.

Dr. Caruana ikkonfermat il-prezenza taghha, jew tal-agent taghha tul il-process shih.

Hija sostniet illi kien hemm regoli miktubin u ohrajn mhux miktubin f'dan il-process u li meta fegget anomalija tal-ghaxar voti neqsin, ir-rapprezentanti tal-partiti iddiskutew mal-

Kummissjoni u li minhabba li l-process ma jistghax jigi stultifikat, wasslu ghal kompromess li l-voti neqsin jintradmu. Dr. Caruana semmiet incident fejn matul l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali Xaghra fejn il-voti tal-kandidat Paul Attard (PL) intefghu fil-garzella ta' John Attard (PN). Di piu, Dr. Caruana iccitat kaz taghha stess fejn matul l-elezzjoni tas-sena 2003, instabu unijiet taghha f'garzella ta' hadd iehor - a fol. 494e, u kienet iddecidiet li ma tostakolax il-process.

**Illi fl-elezzjoni tas-sena 2008 kien sar zball ukoll, din id-darba ta' mitt vot taghha. Hija xhedet illi ghalkemm setghet oggezzjonat, ghazlet li ma taghmilx hekk u minkejja li l-mitt vot ma giex akkreditat lilha, bir-riskji konsegwenzjali, hija rnexxielha tigi eletta.**

In kontro-ezami Dr. Caruana xhedet illi hija ma ppartecipatx fid-decizjoni dwar l-ghaxar (10) voti neqsin u kienet giet informatha biss wara illi kienet ttiehdet id-decizjoni mill-Kummissjoni Elettorali.

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi fuq prodotti jirrizultaw is-segwenti fatti:

1. Illi fl-elezzjoni ta'Marzu 2013, waqt l-ghadd tal-voti tat-tminn distrett matul l-erbghatax-il *count* gie skopert zball konsistenti f'sejba ta' hamsin *1st preference votes* ta'Claudette Buttigieg qalb il-voti tal-kandidat Paul Axiaq, giet registrata oggezzjoni mal-Kummissjoni Elettorali u dan gie segwit bi protest bil-miktub – vide **Dok. V1 a fol. 222**.

2. Il-Kummissjoni Elettorali hadet id-decizjoni illi *"ma tistghax skond il-ligi tiftah mill-gdid ghadd li jkun diga' maghluq u ppublikat u ddecidiet li tkompli bl-ghadd tal-voti skond il-ligi."* **Dok.V a fol. 221**;

3. Jirrizulta illi dawn il-hamsin vot gew allokati man-*non transferable votes*, ma gewx allokati lil Claudette Buttigieg u ma ntirtux mill-kandidati tal-Partit Nazzjonalista;

4. Il-kandidata Claudette Buttigieg ipprocediet b'rikors quddiem il-Qorti Kostituzzjonali li permezz tas-sentenza taghha datata 13 ta' Marzu 2013, gie deciz illi gialadarba

Buttigieg kienet fost l-ewwel erba' kandidati li kien imisshom l-erba' siggijiet addizzjonali bis-sahha tal-Artikolu 52 (1) tal-Kostituzzjoni, hija ma kellhiex l-interess guridiku biex tmexxi l-azzjoni;

5. Claudette Buttigieg ma gietx eletta fuqit-tminn distrett. Gie elett Edward Scicluna li kellu tminn voti aktar minn Buttigieg. Fl-assenza tal-izball, Claudette Buttigieg kienet tigi eletta b'vantagg ta' tnejn u erbghin vot;

6. Fit-tlettax –il distrett waqt it-tminn *count* fegg zball iehor u sabu ghaxar voti neqsin mal-voti akkredidati lil Paul Buttigieg u cioe' sabu 668 minflok 678. Wara diskussjonijiet mal-partiti l-Kummissjoni Elettorali ddecidiet li talloka l-ghaxar voti nieqsa man-*non transferable votes;*

7. Fredrick Azzopardi ma giex elett fit-tlettax-il distrett u giet eletta Dr. Justyne Caruana li kellha disa' voti aktar minn Azzopardi. Bin-nuqqas ta' zball tal-ghaxar voti, Azzopardi jikkontendi li kien hu li kellu jigi elett;

**8.** Jirrizulta b'mod car illi ma hemm ebda prova, **dwar il-kontenut** ta' dawn l-ghaxar voti, **u ergo l-manjiera ta' kif setghu intirtu;**

9. Fredrick Azzopardi ipproceda b'rikors quddiem il-Qorti Kostituzzjonali li permezz tas-sentenza taghha datata 13 ta' Marzu 2013, gie deciz illi gialadarba Azzopardi kienet fost l-ewwel erba' kandidati li kien imisshom l-erba' siggijiet addizzjonali bis-sahha tal-Artikolu 52 (1) tal-Kostituzzjoni, hu ma kellux l-interess guridiku biex jmexxi l-azzjoni;

10. Gew prodotti Dok. PB01 u Dok. AB1 illi juri il-workings tal-formula matematika skond l-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-iskeda tlettax tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali, fl-assenza:

    i. Tal-izball tal-hamsin *1st preference votes* ta' Claudette Buttigieg;
    ii. Tal-izball imsemmi f'(i) flimkien mal-izball tal-ghaxar voti nieqsa f'xenarju li dawn kienu kollha jintirtu minn Fredrick Azzopardi.

    iii. Dawn il-*workings* matematici ser jigu trattatti fid-dettall fi stadju aktar tard.

11. Il-Kummissjoni Elettorali, l-Avukat Generali u l-kjamati in kawza ma ressqu ebda *workings* tal-formula matematika skond l-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-iskeda tlettax tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali.

**Ikkonsidrat:**

Jikkombi fuq din il-Qorti li, qabel xejn tindirizza l-eccezzjonijiet preliminari mqanqla mill-intimati u mill-kjamati in kawza eccetto dawk ta' Edwin Vassallo.

Il-Kummissjoni Elettorali intimata ssolevat **l-ewwel eccezzjoni** taghha fis-sens li **l-gudizzju mhux integru** fl-assenza ta' rapprezentant tal-Istat Malti u kull Membru tal-Parlament li jista' jigi affetwat bit-talbiet tar-rikorrenti.

Din il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni taghha datata 22 ta'Mejju 2013, u dik datata 11 ta' Lulju 2013 li permezz taghhom gew kjamati in kawza l-Avukat Generali u sussegwentement l-Onorevoli Edward Scicluna, Joe Debono Grech, Dr. Justyne Caruana u Edwin Vassallo. In virtu ta' dawn il-provvedimenti l-Qorti tqis illi hemm l-integrita' tal-gudizzju u ghaldaqstant **tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissjoni Elettorali intimata u l-eccezzjoni numru 3.(vi) tal-Avukat Generali** – vide fol. 93.

Il-Kummissjoni Elettorali intimata issolevat **it-tieni eccezzjoni** taghha **u cioe' li l-istess Kummissjoni ma hijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza**

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak ritenut fis-sentenza fl-**ismijiet Joseph Abela v. L-Onor. Prim Ministru et**, deciza fis-**7 ta' Dicembru 1990** u cioe` qabel l-emendi li gew introdotti mill-Att XXIV ta' l-1995 meta iddikjarat:

> ***"F'kawzi ta' natura kostituzzjonali bbazati fuq id-drittijiet fundamentali, il-legittimi kontradittturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tlett kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirittament, responsabbli, ghall-kummissjoni jew ommissjoni, ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali***

> ***protett mil-ligi. Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-ommissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni ta' l-ewwel kategorija jistghu jkunu responsabbli biex jaghtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbaghad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawza, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi procedura gudizzjarja."***

In oltre, fis-sentenza fl-ismijiet **'George Xuereb v. Registratur tal-Qrati et'** deciza nhar t-**8 ta' Novembru 2004** il-**Qorti Kostituzzjonali reaffermat l-validita' tal-imsemmija tliet kategoriji**, u ddikjarat is-segwenti fir-rigward tal-Avukat Generali:

> ***"L-Avukat Generali huwa persuna li hija kompriza fit-tieni kategorija in kwantu jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, l-allegat lament tar-rikorrent jigi ppruvat, huwa f'pozizzjoni li jipprovdi rimedju finanzjarju – u fil-kaz odjern, ir-rimedju li mad-daqqa t'ghajn jidher li hu l-aktar indikat huwa dak tal-kumpens pekunjarju (kemm-il darba ma tiddecidix li s-semplici dikjarazzjoni li kien hemm lezjoni tammonta ghal "just satisfaction"). L-Avukat Generali huwa wkoll persuna tat-tieni kategorija in kwantu dejjem ghandu interess li jkun jaf u jara li l-ligijiet u l-proceduri gudizzjarji jikkonformaw ruhhom mal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea. Ghalhekk, ghalkemm fil-kaz odjern l-Avukat Generali ma hux il-persuna direttament jew indirettament responsabbli ghall-allegata vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent George Xuereb, certament ma jistax jinghad li huwa ma hux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri. Apparti dan kollu, illum il-legislatur, bl-introduzzjoni ta' l-Artikolu 181B imsemmi, ghamel il-posizzjoni cara bizzejjed (u b'dan il-mod evita wkoll il-hafna "fishing expeditions" li kienu jigu intraprizi fil-passat biex jigi determinat minn hu l-legittimu kontradittur f'kawzi bhal dik in dizamina) b'mod li din il-Qorti tiskanta kif l-appellant odjern ghadu b'xi mod qed jinsisti li hu ma hux il-legittimu kontradittur.'***

Illi din l-Qorti gja` ippronunzjat ruhha dwar n-neccessita' tal-presenza tal-Avukat Generali f'dawn il-proceduri u ghalhekk sejra tghaddi biex tanalizza l-posizzjoni tal-Kummissjoni Elettorali.

Il-Qorti tqis li l-Kummissjoni intimata **taqa' fl-ewwel kategorija deskritta fis-sentenza ta' Joseph Abela** hawn fuq citata. Il-Kummissjoni tista' tkun dik li allegatament, hija direttament responsabbli ghall-ommissjoni, jew, kummissjoni ta' xi fatt li jista' jwassal ghal ksur ta' xi dritt fundamentali protett mil-ligi.

Fil-kuntest tal-Artikolu 181B tal-Kap 12, l-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern wahdu f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern. Hawn ghandha sitwazzjoni fejn l-legittimu kontradutturi huwa carament indentifikabbli.

Illi izda fuq kollox, fil-kawza Joseph Bartolo vs l-Onorevoli Prim Ministru et" (Q.K. - 27 ta' Frar, 2009), il-Qorti Kostituzzjonali spjegat ir-raguni wara tali disposizzjoni tal-ligi (Artikolu 181B tal-Kap 12) fl-insenjament taghha:

> ***"Ir-rilevanza ta' din id-disposizzjoni ma tistax u ma ghandhiex tigi sottovalutata, u dan billi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet Kenneth Brincat v. Avukat Generali et, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-10 ta' Jannar 2003, fejn a sua volta giet iccitata s-sentenza Raymond Gauci v. Il-Pulizija et, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-27 ta' Gunju 2002, "ma hemm ebda dubju li l-iskop ta' l-emenda li saret f'dan l-artikolu imsemmi permezz ta' l-Att XXIV ta' l-1995 kienet intiza sabiex wiehed jiffacilita r-rikors lejn il-Qrati f'kull kawza inkluzi f'kazi ta' allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali, u dan anke sabiex jigu evitati tragitti interminabbli dwar il-kwistjonijiet ta' min huwa legittimu kontradittur f'kawza kostituzzjonali, li sfortunatament il-Qorti kienet inondata bihom qabel l-imsemmija emenda, li hafna drabi u wisq izjed minn desiderabbli, wasslu biex azzjoni kostituzzjonali giet terminata fuq punti ta' procedura, minghajr ma l-Qorti ezaminat il-bazi tal-problema kostituzzjonali mqajma…"***

Illi huwa proprju f'dan l-ispirtu li l-eccezzjoni odjerna ghandha tigi kkunsidrata, u din il-Qorti tqis li jirrizulta mill-ligi stess li l-intimata Kummissjoni Elettorali hija l-legitimu kontradittur 'l ghaliex jirrizulta li l-Kummissjoni Elettorali hija l-awtorita` li hija esklussivament responsabbli mill-process shih ta' l-elezzjonijiet hekk kif imfissra mill-Artikolu 52 et seq tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali Kapitolu 354. Ir-rikors promotur huwa bbazata fuq mankanzi fi process elettorali li jwasslu ghall-allegat ksur ta' Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll ghall-konvenzjoni Ewropea, kif inkorporata f'Kapitolu 319, ghal liema allegat mankanzi tirrispondi l-Kummissjoni Elettorali flimkien ma' l-Avukat Generali. Isegwi ghaldaqstant illi hija l-legittimu kontrattur.

Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-tieni eccezzjoni tal-Kummissjoni Elettorali.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina **l-hames eccezzjoni tal-Kummissjoni Elettorali**, u **l-ewwel eccezzjoni tal-kjamati in kawza** u **l-eccezzjoni numerata 3 (i) tal-Avukat Generali** u cioe' **il-karenza on meno ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti.**

Din l-eccezzjoni hi fis-sens li din il-Qorti ma ghandiex gurisdizzjoni biex tisma' u tiddetermina l-lanjanzi sottomessi mir-rikorrenti 'l ghaliex tali gurisdizzjoni hija riservata lill-Qorti Kostituzzjonali.

Fl-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali Kap 354 Artikolu 115 (1) jipprovdi precizament il-gurisdizzjoni eskluzziva tal-Qorti Kostituzzjonali meta jghid:

> ***'Il-kwistjonijiet kollha dwar il-jedd ta' persuna li tkun jew li tibqa' Membru tal-Kamra għandhom jinġiebu quddiem il- Qorti Kostituzzjonali u jiġu deċizi minn din il-qorti'***

L-Artikolu 117 ta' l-istess Att jipprovdi fl-istess spirtu:

> ***'Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att li biha d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tiġi stabbilita bħala waħda finali u/jew li minnha ma jista' jsir ebda appell, dik id-disposizzjoni ma għandhiex teskludi applikazzjoni***

***quddiem il-Qorti Kostituzzjonali minn persuna li taġixxi biex tħassar elezzjoni, sew f'xi distrett wieħed biss jew fid-distretti kollha.'***

Illi di piu l-Artikolu 63 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistipula:

***'Kull kwistjoni jekk –***

***(a ) xi persuna tkunx giet eletta validament bhala membru tal-Kamra tad-Deputati;***

***(b ) xi membru tal-Kamra jkunx ivvaka l-post tieghu fiha jew ikunx mehtieg, skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 55 ta' din il-Kostituzzjoni, li jtemm milli jaqdi l-funzjonijiet tieghu bhala membru; jew***

***(c) xi persuna tkunx giet eletta validament bhala Speaker minn fost persuni li ma jkunux membri tal-Kamra u, wara li tkun giet hekk eletta, tkunx ivvakat il-kariga ta' Speaker,***

***ghandha tigi mressqa quddiem u deciza mill-Qorti Kostituzzjonali skond id-disposizzjonijiet ta' xi ligi li ghal dak iz-zmien tkun issehh f'Malta.'***

Din il-Qorti tgharaf bhala stat ta' fatt illi r-rikorrenti Frederick Azzopardi u Claudette Buttigieg kienu gja rrikorrew ghall-Qorti Kostituzzjonali b'zewg rikorsi separati li gew decizi nhar it-13 ta' Marzu 2013.

Fl-analizi li wettqet din il-Qorti dwar l-gurisdizzjoni tal-Prim Awla Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali, din l-Qorti kellha per forza tezamina Artiklu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif inkorporati f'Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa, l-artikolu 46 tal-Kosititizzjoni ta' Malta jistipula:

***'(1) Bla hsara ghad-dispozizzjonjjiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi wahda mid-dispozizzjonjjiet ta' l-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha,… tista', bla hsara ghal kull***

> ***azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju.'***

L-Artikolu 4(1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta jiddeponi bl-istess manjiera:

> ***(1) Kull persuna li tallega li xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f 'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal- Qorti Ċivili għal rimedju.***

Il-Qort rat u ezaminat is-sottomissjonijiet tal-Kummissjoni Elettorali dwar il-gurisdizzjoni - vide fol. 535 sa 536; is-sottomissjonijiet tal-kjamati in kawza fuq l-istess materja - vide fol. 548 sa 551 ; is-sottomissjonijiet tal-Avukat Generali vide- fol. 562 sa 564; illi permezz taghhom sostnew illi, bis-sahha ta' Artiklu 95, 63 u 56 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u permezz tal-Artiklu 115 u 117 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali, **kienet biss l-Qorti Kostituzzjonali li ghandha l-gurisdizzjoni esklussiva biex tindaga dwar vjolazzjoni tal-ligijiet elettorali tal-pajjiz, u dwar il-validita ta' elezzjoni ta' membru tal-Parlament jew *Speaker*, it-tnehhija tal-istess u jew vakanza tal-post taghhom**. In oltre ssottomettew illi l-Kostituzzjoni ta' Malta hija **suprema** fuq il-Ligi ordinarja tal-pajjiz, u li Artiklu 2 tal-Kap 319 li rratifika l-Konvenzjoni Ewropea, irrikonoxxi is-**supremasija tal-Kostituzzjoni**. Di piu gie sottomess li d-dritt ghall-elezzjonijiet liberi li jizguraw l-espressjoni libera ta' l-opinjoni tal-poplu fl-ghazla tal-legislatura, **mhuwiex wiehed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem** kif protetti bil- Kostituzzjoni ta' Malta hekk kif jidher fl-Artikoli 33 sa 46 tal-istess Kostituzzjoni.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tgharaf illi t-talbiet tar-rikorrenti kollha **huma a termini tal-Artiklu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali** kif inkorporati f'Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` allegat vjolazzjoni tad-dritt ghall-elezzjonijiet liberi li jizguraw l-espressjoni libera ta' l-opinjoni tal-poplu fl-ghazla tal-legislatura. Ebda talba jew azzjoni ma giet intavolata mir-rikorrenti ai

termini ta’ xi dritt fundamentali inkluz fl- Artikolu 33-46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta. Minn dan isegwi inezorabbilment li f’kaz li persuna tallega ksur ta’ xi wiehed mid-drittijiet fundamentali taghha (**taht il-Konvenzjoni Ewropea)** hija ghandha d-dritt illi tirrikorri ghar-rimedju quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali).

Hija verita’ inkontrovertibbli li meta l-Istat Malti irratifika il-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali l-Istat ghamel dan bil-ghan li kull cittadin ikollu **protezzjoni addizzjonali** mal-protezzjonijiet ga imhaddna fil-Kostituzzjoni taghna u li **jkollhu d-dritt li jinventela l-ilmenti u l-indoli tad-drittijiet fundamentali anki quddiem il-Qorti Ewropea**. L-argument tal-Kummissjoni Elettorali intimata, tal-Avukat Generali u dak tal-kjamati in kawza iwassal inevitabbilment ghall-konkluzjoni li meta Malta irratifikat il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem **inkluz id-drittijiet kontenuti fl-ewwel Protokoll**, kienet sempliciment qed tqarraq bic-cittadini Maltin ‘l ghaliex fir-realta’, ma jezistix f’Malta d-dritt ghall-elezzjonijiet liberi bhala dritt fundamentali, li dan id-dritt mhuwiex ezegwibbli f’Malta quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali); u ergo bhala tali, c-cittadin lanqas ma ghandu d-dritt jitlob ghar-rimedju quddiem il-Qorti Ewropea (ECHR).

Il-Qorti tqis illi l-intenzjoni tal-Legislatur meta rratifika l-Konvenzjoni Ewropea ghall-Istat Malti, pajjiz demokratiku li jhaddan is-saltna tad-dritt b’rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, ma kellux dan il-ghan mijokopu, u certament ma kellux skop li jidhol ghall-ezercizzju ta’ negazzjoni ta’ dritt.

Il-Qorti taghraf illi l-kuncett ta’ Supremazija tal-Kostituzzjoni[6] huwa wiehed ampju li ghandu diversi ramifikazzjonijiet li jikkreja gerarkija tal-ligijiet anke fi hdan l-istess Kostituzzjoni.

Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta li jabbraccja dan il-kuncett ta’ Supremazija **jibda** billi jeleva ghal quccatta ta’ din il-gerarkija tal-ligijiet, l-artikoli li jippostulaw d-drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali cioe’Artikolu 33-46 tal-Kostituzzjoni - **flimkien** mal-Artikolu 66 tal-Kostituzzjoni li hu l-Artikolu prottettiv li jorbot u jankra d-drittijiet fundamentali bi procedura pezantissima biex **jipprotegihom minn kwalunkwe tibdil u tnaqqir** – cioe’ il-procedura ta’ ⅔ maggorita’ tal-membri tal-Parlament.

[6] illi dwaru inkitbu volume shah minn awturi notevoli

Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni jipprovdi:

> ***"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (7) u (9) tal-artikolu 47 u artikolu 66 ta' din il-Kostituzzjoni, jekk xi ligi ohra tkun inkonsistenti ma din il-Kostituzzjoni, din il-Kostituzzjoni ghandha tipprevali u l-ligi l-ohra ghandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett."***

Fil-kuntest tal-kuncett ta' Supremazija tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ma jistax ma jinghadx ukoll, illi l-Kostituzzjoni tikkontieni artikoli li huma merament dikjaratorji u ghalhekk inesigwibbli – Vide drittijiet Socjo Ekonomici minn l-Artikolu 7 sa 20 tal-Kostituzzjoni li huma mqieghda fil-Kostituzzjoni taghna bhala Desiderata – linja gwida ghal iggvernar u ghal kontenut tal-ligijiet tal-pajjiz - Vide Artikolu 21 tal-Kostituzzjoni.

Il-Qorti wara ezami akkurat tqis bhala insostenibbli l-applikabilita' tal-Artikolu 56 tal-Kostituzzjoni ghan-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti ghall-ilment tar-rikorrenti.

Dan qieghed jinghad 'l ghaliex apparti l-*actio popolis*, Artikolu 56 tal-Kostituzzjoni jafferma l-gurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali meta l-Kummissjoni Elettorali nnifisha, *di sua sponte*, wara skoperta ta' korruzzjoni, atti illegali jew ndil barrani fil-kors ta' elezzjoni, tattiva d-dmir taghha billi tissospendi l-elezzjoni u tirrivolgi ghal Qorti Kostituzzjonali.

Fil-kaz in ezami ebda wiehed mill-partijiet u b'mod partikolari il-Kummissjoni Elettorali intimata, ma ssoleva xi prattika korrotta jew illegali jew xi ndhil fil-kors tal-elezzjoni. Infatti l-Kummissjoni Elettorali hija intimata f'dawn il-proceduri u mhux il-protagonista li qed tipromovi din l-azzjoni. Di piu' din il-kawza certament ma tistax tigi konsiderata bhala *actio popolis*.

Il-Qorti tqis in oltre li apparti fatturi ohra[7], l-applikabilita' tal-Artikolu 63 u 95 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 115 u 117 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali hija

[7] a.inkluz li l-att dwar Elezzjoni Generali Kapitolu 354 huwa ligi ordinarja tal-pajjiz;

b. Artikolu 63 tal-Kostituzzjoni ma jgawdix protezzjoni tal-entrenching provision tal-Artikolu 66 tal-Kostituzzjoni, ghalkemm huwa ndikat f'Artkolu 95 tal-Kostituzzjoni li jgawdi tali protezzjoni

sorretta fejn si tratta ta’ ilmenti ta’ ksur jew vjolazzjoni tal-ligijiet elettorali tal-pajjiz, ilmenti dwar validita’ ta’ elezzjoni ta’ Membru ta’ Parlament jew *speaker* jew l-vakanza ta’ tali kariga jew post.

L-ilment kif postulat mir-rikorrenti **huwa ta’ natura diversa**, u cioe’ jippernja fuq jekk il-Kummissjoni Elettorali ezercitatx d-diskrezzjoni u setgha taghha b’tali modd li vvjolat l-obbligu tal-Istat biex izzomm u jmexxi elezzjonijiet li jirrispettaw r-rieda tal-votanti, u cioe’ dritt kontemplat fl-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-pajjiz.

In oltre dejjem fuq it-tema ta’ gerarkija ta’ligijiet il-Qorti taghraf u tqis illi skond l-Artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 319 (Konvenzjoni Ewropea) d-drittijiet enuncjati fil-Konvenzjoni jissuperaw il-ligi ordinarja tal-pajjiz **ghajr** ghal-Kostituzzjoni waqt li ai termini tal-Artikolu 3(4) tal-Kapitolu 319, l-**Qorti Kostituzzjonali Maltija ghandha gurisdizzjoni li tisma’ u tiddetermina l-appelli maghmula taht dan l-att u dana biz-”zieda” mal-gurisdizzjoni akkordata lilha minn Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni.**

L-Arttikolu 3(4) tal-Kapitolu 319 ghalhekk huwa **l-konferma**, jekk qatt kien hemm bzonn ghal wahda, li ghal regward ta’ Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali enuncjati fil-Konvenzjoni Ewropea kif ratifikata f’Kapitolu 319, il-gurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali mhux dik kif asserita mill-intimati, cioe’ gurisdizzjoni esklussiva li timmina u ggib fix-xejn id-dritt taht Artikolu 3 Protokoll 1, izda hija **gurisdizzjoni addizzjonali** ma dik gia moghtija permezz ta’ Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni, sabiex tagixxi bhala Qorti ta’ Sekonda Istanza biex tiddetermina l-appelli kollha maghmula taht l-Kapitolu 319.

Hija l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, li l-Prim Awla tal-Qorti Civili, bis-sahha tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 u 46 (2) tal-Kostituzzjoni, **ghandha d-dover li takkolja gurisdizzjoni** biex tisma’ u tiddetermina lanjanzi dwar vjolazzjoni ta’ Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali u li **ghandha il-korispondent dover li takkorda protezzjoni u rimedji skond dak l-Artikolu tal-ligi**, (sew dawk kontemplati fl-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, sew taht Kapitolu 319) **li joffri jew joffru l-aqwa u l-akbar protezzjoni ghac-cittadin.**

Illi ghaldaqstant il-Qorti tichad l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’gurisdizzjoni ta’din il-Qorti kif sollevata mill-Kummissjoni Elettorali, tal-Avukat Generali u tal-kjamati in kawza eccetto Vassallo.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina **t-tielet eccezzjoni tal-Kummissjoni Elettorali** u cioe’ **li l-azzjoni tar-rikorrenti hija fuori termini ghaliex** ma gietx pprezentata fi zmien tlett ijiem mill-publikazzjoni tar-rezultat elettorali. L-istess ecezzjoni giet sollevata mill-**Avukat Generali fl-eccezzjoni tieghu numru 3(iv) u fir-raba’ (4) eccezzjoni** mill-kjamati in kawza (eccetto Vassallo).

Hija l-opinjoni konsiderata ta’ din il-Qorti illi azzjoni dwar vjolazzjoni ta’ Dritt Uman u Liberta’ Fundamentali kemm taht l-Artikoli 32-46 tal-Kostituzzjoni kif ukoll dawk taht il-Konvenzjoni Ewropea kif ratifikata (Kapitolu 319) ma hi limitata b’ebda terminu ta’ dekadenza jew ta’ perjodu preskrittiv. In fatti kif gie ritenut fil-kawza **Perit Joseph Barbara vs Onorevoli Prim Ministru** deciza fis-7 t’Ottubru 1997:

> ***‘fin-nuqqas ta’ provvediment statutorju li jirregola l-materja, l-azzjoni li torigina mill-vjolazzjoni tal-jedd fondamentali ma kienet soggetta ghall-ebda preskrizzjoni estentiva.’ Ghalhekk l-rikors promotur mhux fuori termine.”***

Ghaldaqstant tichad l-eccezzjoni tal-intimati u kjamati in kawza kif fuq indikati.

Il-Qorti tipprocedi billi tezamina r-raba (4) eccezzjoni tal-Kummissjoni Elettorali u eccezzjoni numru 3(v) tal-Avukat Generali u t-tielet (3) eccezzjoni tal-ewwel tlett kjamati, illi hija fis-sens li l-Qorti ghandha tiddiklina li tezercita s-setgha taghha skond 4(2) tal-Kapitolu 319 stante li r-rikorrenti kellhom mezzi xierqa disponibbli ghalihom ghal ksur allegat kemm taht l-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali u skond il-Kostituzzjoni. Artikolu 4(2) Kapitolu 319 (li huwa kwazi identiku ghall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni) jistipula:

> ***‘Izda l-qorti tista’, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f ’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’***

> ***rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ordinarja ohra.'***

Illi din il-kwistjoni giet imqanqla ripetutament fil-gurisprudenza ta'natura Kostituzzjonali f'Malta u din il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament moghti fis-sentenza fl-ismijiet **Tafarra Besabe Berhe vs Kummissjarju tal-Pulizija** (deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili [Sede Kostituzzjonali] fl-20 ta' Gunju 2007). Dik l-Qorti sostniet li l-**ezistenza ta' rimedju iehor** ghall-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni, **ghandha tirrizulta lill-Qorti bhala stat ta' fatt attwali u obbjettiv**. Dik il-Qorti kompliet tirritieni li d-decizjoni tal-Qorti li tiddiklina l-ezercizzju is-setghat taghha minhabba **l-ezistenza ta' rimedju iehor, hija decizjoni fuq tali stat ta' fatt.**

Illi f'ghadd ta' sentenzi moghtijin f'dawn l-ahhar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, gew stabiliti principji li ghandhom jigu segwiti mill-Qrati Maltin fid-determinazzjoni taghhom ta'ezistenza o meno ta' rimedju alternattiv u effettiv disponibbli ghar-rikorrenti.

Fost dawn il-principji hemm is-segwenti:

> (a) l-applikant ghandu juza r-rimedji ordinarji **jekk huma facilment disponibbli ghalih** qabel ma juza proceduri kostituzzjonali. **Jekk ir-rimedju ma kienx effettiv** jew ir-rimedju **ma kienx disponibbli**, allura l-applikant **jista' juza** r-rimedju kostituzzjonali;
>
> (b) id-decizjoni li l-Qorti tiehu li tuza d-diskrezzjoni **hija finali** sakemm ikun hemm **ragunijiet estremament serji u gravi**. Il-Qorti Kostituzzjonali normalment tqis li d-decizjoni dwar id-diskrezzjoni ezercitata hija finali u ma jistax tigi kontestata f'appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali;
>
> (c) ma hemmx principji specifici li jistghu jiggwidaw il-Qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni favur jew kontra l-uzu tad-diskrezzjoni taghha. Dan huwa minhabba l-fatt li l-**Qorti tiddeciedi kaz kaz;**

(d) il-fatt li applikant kellu rimedju iehor izda ma uzahx **ma jfissirx awtomatikament** li l-Qorti mhux se tuza diskrezzjoni taghha, jekk jigi ppruvat li r-rimedju **ma setax jaghti rimedju shih** lill-applikant.

(e) jekk rimedju jezisti (anki jekk hija tat rimedju shih) izda ma gietx uzata minhabba l-azzjonijiet ta' terzi persuna allura l-Qorti ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha;[8]

Din il-Qorti rat u ezaminat l-insenjament moghti mill-Qorti Ewropea fil-kawza **D.H. and Others v. The Czech Republic (Application no. 57325/00 - deciza 13 Novembru 2007**, dwar l-ammissibilta` u nuqqas ta' ezwariment ta' rimedji ordinarji, u li permezz tieghu dik il-**Qorti Ewropea dehrilha li kellha timxi b'certu flessibblita` u minghajr formalismu eccessiv**:

***'116. The application of the rule of exhaustion of domestic remedies must make due allowance for the fact that it is being applied in the context of machinery for the protection of human rights that the Contracting States have agreed to set up. The Court has accordingly recognised that Article 35 § 1 must be applied with some degree of flexibility and without excessive formalism. It has further recognised that the rule of exhaustion is neither absolute nor capable of being applied automatically; for the purposes of reviewing whether it has been observed, it is essential to have regard to the circumstances of the individual case. This means, in particular, that the Court must take realistic account not only of the existence of formal remedies in the legal system of the Contracting State concerned but also of the general context in which they operate, as well as the personal circumstances of the applicant. It must then examine whether, in all the circumstances of the case, the applicant did everything that could reasonably be expected of him or her to exhaust domestic remedies (see İlhan v. Turkey [GC], no. 22277/93, § 59, ECHR 2000 VII).***

[8] Vide Tafarra Besabe Berhe vs Kummissjarju tal-Pulizija

Il-Qorti gharblet bir-reqqa r-rimedji disponibbli ghar-rikorrenti u taghraf li Claudette Buttigieg u Fredrick Azzopardi ghamlu l-lanjanzi u protesti taghhom quddiem il-Kummissjoni Elettorali, Buttigiegipprezentat protest bil-miktub; ittiehdet id-decizjoni mill-Kummissjoni Elettorali illi ma setghetx skond il-Ligi **"tiftah mill-gdid ghadd li jkun diga' mghaluq u ppubblikat"** – vide Dok V a fol 221, ipprezentaw f'terminu qasir kontemplat mill-ligi, zewg Rikors appositi quddiem il-Qorti Kosituzzjonali ghat-thassir tal-elezzjoni fid-distretti aflitti a termini tal-Att dwar l-Elezzjoni Generali Kap 354.

Iz-zewg rikorsi gew decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta'Marzu 2013, fis-sens li it-talbiet tar-rikorrenti Buttigieg u Azzopardi gew michuda billi ntlaqghet l-eccezzjoni preliminari tal-Kummissjoni Elettorali intimata, ta' nuqqas ta' interess guridiku tal-istess rikorrenti minghajr ma gew indagati jew investigati fuq il-meritu l-ilmenti ta' Buttigieg u Azzopardi:

> ***'L-eċċezzjoni jixraq illi tintlaqa' għal din ir-raġuni: mix-xiehda tal-Kummissjoni irriżulta illi r-riżultat talelezzjoni ġenerali ħoloq sitwazzjoni fejn, bis-saħħa tal-art. 52(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"], il-partit li għalih jappartjeni l-attur sejjer jingħata erba' siġġijiet "addizzjonali" u l-attur huwa fost l-ewwel erba' kandidati tal-partit tiegħu li jmisshom dawn is-siġġijiet addizzjonali. Il-preġudizzju li seta' jġarrab l-attur minħabba l-iżball fil-għadd tal-voti huwa li ma jiġix elett. F'kull każ, iżda, l-attur sejjer jiġi elett bis-saħħa tal-art. 52(1) tal-Kostituzzjoni u għalhekk ma huwa sejjer iġarrab ebda preġudizzju. Tassew illi l-attur jilmenta illi għandu interess illi jiġi elett bħala deputat "oriġinali" mid-distrett tiegħu u mhux bħala deputat "addizzjonali". Dan iżda ma huwiex interess ġuridiku għax taħt il-liġi s-siġġijiet "addizzjonali" għandhom l-istess siwi u privileġġi bħal dawk "oriġinali".'*** *– Vide zewg sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali decizi fit-13 ta' Marzu, 2013 annessi ma dawn l-atti.*

Illi hija fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi kwalunkwe proceduri ulterjuri kemm ai termini ta' xi Artikolu iehor taht il-Ligijiet Elettorali, Kap 354 jew ai termini tal-

Kostituzzjoni, disponibbli ghar-rikorrenti Buttigieg u Azzopardi, kienu ser jitqiesu li jbaghtu mill-istess nuqqas ta' nteress guridiku.

Illi mhux r-rwol ta' din il-Qorti illi tissindika decizjoni ta'Qorti Superjuri bhal dik tal-Qorti Kostituzzjonali. L-uniku apprezzament li jinkombi fuq din il-Qorti huwa jekk id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali akkordatx rimedju xieraq u effettiv ghar-rikorrenti tant li jinduci lil din il-Qorti li tindiklinja li tezercita d-diskrezzjoni taghha kif provdut fl-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319.

Sikkome s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali kienet in effett cahda tat-talbiet tar-rikorrenti Buttigieg u Azzopardi, din il-Qorti ma tistghax ma tasalx ghal konkluzjoni li ebda rimedju effettiv ma inghata lir-rikorrenti msemmija.

**Di piu' l-Qorti ma tistghax ma tosservax illi l-ligijiet Elettorali taht il-Kapitolu 354 <u>ma jippermettux lil partiti politici jressqu proceduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali</u> 'l ghaliex dan hu konsentit biss lil kandidati.**

Ghalhekk il-Qorti tqis illi **m'ghandhiex** tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha ai tenur tal-Artiklu 4(2) tal-Kapitolu 319 u ghalhekk tichad l-eccezzjoni numru 3 tal-Kummissjoni Elettorali, numru 3(v) tal-Avukat Generali u numru 3 tal-kjamati indikati.

Il-Qorti sejra tezamina s-sitt eccezzjoni tal-Kummissjoni Elettorali, dik numerata 3(ii) tal-Avukat Generali u numru tnejn tal-kjamati Caruana, Debono Grech u Scicluna, cioe' **nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrenti.**

Din l-eccezzjoni hija intimament konnessa mal-eccezzjoni 3(iii) tal-Avukat Generali u cioe' li kull rikorrent ghandu jghati prova tal-interess guridiku sabiex jipromovi din l-azzjoni. Ghalhekk ser jigu trattati flimkien.

Il-Qorti tqis illi meta l-ligi Elettorali tal-pajjiz giet promulgata kellha l-ghan li tindirizza l-interess guridiku tal-kandidati tal-partiti rispettivi, izda mhux tal-partiti politici nnifishom.

Bl-amendi sussegwenti ghar-rizultat pervers fl-Elezzjonijiet Generali tas-sena 1981 u cioe' l-emendi Kostituzzjonali tas-sena 1987 u dawk tas-sena 1996, giet raffinata ir-rapprezentanza

proporzjonata stretta permezz tal-mekkanizmi godda introdotti; **konsegwentement gie msahhah l-interess guridiku mhux biss ghal kull kandidat izda gie mahluq interess guridiku ghall-kandidat fi hdan il-partit tieghu u nholoq interess guridiku apparti u cioe' dak tal-partiti politici nnifishom.**

Illi l-interess tal-kandidat fi hdan il-partit tieghu u l-interess tal-partit politiku **pero' ma nghatawx ir-rikonoxximent dovut fil-Ligi Elettorali Kap 354 bl-ghodda procedurali appoziti li setghu jintuzaw biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet.**

Din il-Qorti umilment tissottometti illi x'aktarx din kienet ir-raguni wara d-decizjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali tat-13 ta' Mejju 2013.

Infatti l-ahhar emenda Kostituzzjonali tas-sena 1996 giet raffinata s-sistema ta' ripeskagg li takkorda siggijiet addizzjonali **lill-partit politiku.** Dan minnu nnifsu jnissel interess guridiku tal-kandidat fi hdan il-partit tieghu biex jassigura rizultat veritier u ahhari ghalih u ghall-partit politiku li jhaddan, u interess guridiku tal-partit nnifsu li jassikura li jiggwadanja siggijiet addizzjonali ekwivalenti ghall-proporzjon ta' voti li l-elettorat ghazel li jafda fih.

Il-fatt li kemm Claudette Buttigieg u Fredrick Azzopardi gew eletti permezz ta' mekkanizmu ta' siggijiet addizzjonali, ma jindirizzax l-interess taghhom bhala kandidati fil-partit, il-ghaliex **in-numru ta' kandidati effettivament eletti di sue sponte huwa n-numru diviziv illi fuqu ser jiddependi u jinhadem il-mekkanizmu tas-siggijiet addizzjonali.** Huwa b'tali mekkanizmu li kkreja sistema ta' rapprezentanza proporzjonali stretta, illi r-rieda vera tal-elettorat tista' tigi riflessa fedelment fil-kompozizzjoni tal-Parlament.

Huwa palezi li dan l-interess guridiku jitgawda bl-istess mod mill-partiti politici li mhux biss ghandhom l-interess, izda ghandhom id-dover li jaraw attwata, r-rieda tal-elettorat u jaghtu s-sehem taghhom fit-tmexxija tal-pajjiz li tista' tigi mminata fin-nuqqas ta' riflessjoni veritiera fil-kompozizzjoni tal-Parlament. Illi ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' nteress guridiku tal-partit rikorrenti u ta' Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi, kif sollevati mill-Kummissjoni Elettorali, tal-Avukat Generali u tal-kjamati ndikati u tgharaf li r-rikorrenti Buttigieg u Azzopardi, kif ukoll il-partit rikorrenti ppruvaw sodisfacentement l-interess guridiku biex jipromovu r-rikors odjern.

**Ikkonsidrat:**

Fil-meritu, l-ilment tar-rikorrenti hu li n-nuqqasijiet li sehhu fil-process tal-elezzjonijiet generali ta' Marzu 2013, ivvjolaw d-dritt tar-rikorrenti ghal elezzjoni libera taht kundizzjonijiet li jassiguraw l-espressjoni libera tal-poplu Malti fl-ghazla tal-legislatura.

Il-Qorti sejra taghmel l-analizi neccessarja ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 1 u ta' kif dan id-dritt gie interpretat mill-Qorti Ewropea (ECHR).

Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 1 jistipula:

> ***"Il-Partijiet Gholja Kontraenti jobbligaw ruhhom li jzommu elezzjonijiet liberi f'intervalli xierqa b'votazzjoni sigrieta taht kundizzjonjijet li jizzguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-ghazla tal-legislatura."***

Il-Qorti Ewropea (ECHR) iddefinit dan id-dritt bhala wiehed:

> ***"that it guarantees individual rights, including the right to vote and to stand for election".***
>
> **Vide Mathieu-Mohin and Clerfayt vs Belgium – App 9267/81 deciz 2nd of March, 1997 at para. 46-51; *Vide wkoll* Namat Aliyev vs Azerbaijan App 18705/06 deciza fit-8 t'April 2010 ara para 71; Vide wkoll Hirst vs UK App 74025/01 deciza fis-6 t'Ottubru 2005 ara para 57.**

Inghad ukoll illi mill-Qorti Ewropea:

> ***"Indeed, it was considered that the unique phrasing was intended to give greater solemnity to the Contracting States' commitment and to emphasise that this was an area where they were required to take positive steps as opposed to merely refraining from interference .....***

> ***The Court has had frequent occasion to highlight the importance of democratic principles underlying the interpretation and application of the Convention, and it would take this opportunity to emphasise that the rights guaranteed under Article 3 of Protocol No. 1 are crucial to establishing and maintaining the foundations of an effective and meaningful democracy governed by the rule of law"* (Ibid Hirst vs UK at para 55).**

Il-Qorti Ewropea rriteniet illi d-drittijiet moghtija permezz tal-Artikolu 3 Protokoll 1 **ma kienux drittijiet assoluti**:

> ***"...There is room for implied limitations and Contracting States must be allowed a margin of appreciation..."* – Vide Ibid Hirst vs Uk para 63 ECHR ...... – Labita v. Italy para 201, ECHR 2000-IV, Podkolzina v. Latvia para 33, ECHR 2002.**

> ***"There are numerous ways of organising and running electoral systems and a wealth of differences, inter alia, in historical development, cultural diversity and political thought within Europe which it is for each Contracting State to mould into their own democratic vision."* – Vide (Hirst vs UK Ibid - para 61); Lykourezos vs. Greece 33554/03 deciza fil-15 ta'Gunju 2006 - para 5; Sitarapoulos and Giakoumopoulos vs Greece, App. 42202/2007 deciza fil-15 ta'Marzu 2012- para 66 ECHR.**

Il-Qorti Ewropea kompliet tispjega:

> ***"It is, however, for the Court to determine in the last resort whether the requirements of Article 3 of Protocol No. 1 have been complied with; it has to satisfy itself that the conditions do not curtail the rights in question to such an extent as to impair their very essence and deprive them of their effectiveness; that they are imposed in pursuit of***

***a legitimate aim; and that the means employed are not disproportionate".***

**(Vide Mathieu-Mohin and Clerfayt, IBID at para 52).**

***In particular, any conditions imposed must not thwart the free expression of the people in the choice of the legislature – in other words, they must reflect, or not run counter to, the concern to maintain the integrity and effectiveness of an electoral procedure aimed at identifying the will of the people through universal suffrage"***

**(Vide Hirst vs Uk para. 62, kif ukoll Yumak and Sadak vs Turkey para 109 deciza fit-8 ta' Lulju 2008 App. 10226/03; Hilbe vs Liechtenstein App. No 31981/96 ECHR 1999-VI; Melnychenko vs Ukraine App. No 17707/02; Namat Alyer vs Azerbaijan App. No 18705/06 para 71 deciza fit-8 t'April 2010; Grosaru vs Romania App. No 78039/01 para 44, deciza fit-2 ta' Gunju, 2010; Lykourezos vs Greece App. No 33554/03 para 52 deciza fil-15 ta' Gunju, 2006)**

Bl-iskop li jigi analizzat l-ottemporanza o meno ma l-Artikolu 3 Protokoll 1, il-Qorti Ewropea rreferiet fis-sentenza **Mathieu-Mohin and Clerfayt vs Belgium Ibid f'para 54**:

***"It does not follow, however, that all votes must necessarily have equal weight as regards the outcome of the election or that all candidates must have equal chances of victory. Thus no electoral system can eliminate "wasted votes"."***

Il-**Kummissjoni Ewropea** fil-kaz **X vs Iceland** (App No 8941/80 deciza fit-8 ta' Dicembru 1981 kienet tal-opinjoni illi l-Artikolu 3 Protokoll 1 illi dan l-Artikolu ma jobbligax lil membri kontraenti biex jistabilixxu sistema elettorali:

***"Which secures that the number of deputies of each political party be proportioniate to devotes, cast for the parties"***

Il-Kummissjoni ddecidiet li sabiex id-diskrepanzi jammontaw ghal-vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Protokoll 1, irid ikunu ta' entita' tali *"as to be arbitrary or abusive".* Il-kaz in ezami li jirrazali ghal-1980, deciz mill-Kumissjoni Ewropea jittratta sistema ta' *weighted votes* li hija totalment estranja ghas-sistema Maltija.

F'kawza ohra deciza mill-Kummissjoni Ewropea (mhux ECHR) dikjarata inammissibli fit-28 ta' Frar 1994, u cioe **I.Z. vs Greece** stabbilit illi, l-irregolaritajiet lamentati mir-rikorrenti ***"could not have prejudiced the outcome of the legislative election."*** Dan il-kaz kien jitratta lmenti minn kandidati indipendenti li kisbu disgha (9) voti minn 149,229 voti mitfugha u **ghalhekk id-decizjoni tal-Qorti Specjali Suprema tal-Gracja ma kienitx wahda arbitrarja.**

Minn analizi tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ghal dak li jirrigwarda lment tal-Artikolu 3 Protokoll 1, jidher illi :

> ***"In examining complaints with Article 3 Protocol 1, the Court has to focus mainly on two criteria :whether there has been arbitrariness or a lack of proportionality, and whether the restriction has interferred with the free expression of the opinion of the people."***
>
> **(Vide Yumak and Sadak vs Turkey Ibid para. 109 (iii) deciza 2008; Hirst vs Uk Ibid para 62; Practicioner's Guide to the European Convention on Human Rights -3rd Edition at page 294; Tanase vs Moldovia App. 7/08 ECHR 2010)**

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti taghmel referenza ghal-fatti minnha stabbiliti u tgharaf illi, minkejja li l-"izball" ta'ghaxar (10) voti nieqsa, seta' tilef lil Fredrick Azzopardi, d-dritt li jigi elett di sua sponte – u mhux bil-mekkanizmu ta' siggijiet jew deputati addizzjonali, din il-Qorti m'ghandhiex il-konvinciment morali li r-rikorrent Azzopardi jew il-Partit Nazzjonalista, pprovaw fuq bilanc ta' probabilta' li dawk l-ghaxar (10) voti ta' Paul Buttigieg **kienu ser jintirtu kollha minn**

**Azzopardi**. Dawn il-voti "baqghu neqsin" sal-ahhar tal-process tal-ghadd tal-voti u ebda kandidat ta' ebda partit, ebda delegat jew sottodelegat, jew membru tal-Kummissjoni Elettorali ma ra fizikament il-kontenut ta'dawn il-voti.[9]

Dan qieghed jinghad minkejja li l-Qorti tifhem illi wiehed jista' jippresumi li vot ta' partit partikolari s-soltu jintiret minn membri tal-istess partit, u li l-kunjom t'Azzopardi, seta' kellu effett favorevoli ghalih.

Il-Qorti tqis illi l-kwistjoni tal-ghaxar (10) voti nieqsa tibqa' fir-relm ta' supposizzjonijiet u li ghalhekk ma timmerita ebda indagni ulterjuri, minkejja li l-Qorti tqis, illi **minnu nnifsu fl-isfond ta' elezzjonijiet generali f'Malta, zball t'ghaxar (10) voti, mhuwiex zball negligibbli**, ghal kandidat li kellu jirithom; **taghraf ukoll, bhala stat ta' fatt, li t-tielet kandidat fit-tlettax-il distrett gie dikjarat elett b'vantagg ta' disgha (9) voti**.

L-istess ma jistghax jinghad ghal-kaz tar-rikorrenti Claudette Buttigieg. Il-Qorti gia stabbilit, kif del resto stabbilit il-Kummissjoni Elettorali, li l-izball ta' hamsin (50) *1st preference votes* ta' Claudette Buttigieg x'aktarx sar matul l-ewwel ghadd. Il-provi juru li dan l-izball ma kienx wiehed li seta' gie skopert mill-kandidati u l-agenti li jkunu wara l-*perspex* permezz ta' vigilanza ordinarja u dan minhabba l-logistika ta' kif il-pakketti jitqieghdu go *tag* u jittellghu fuq livell aktar gholi. Illi jidher illi l-procedura tat-tqeghied u kitba ta' isem tal-kandidat fuq it-*tag*, hija wahda li taghti l-inqas vizwali ghal-kandidati u agenti mill-process shih. In effett fir-realta', hadd ma ntebah b'dan l-izball, la l-*counting agents*, la *supervisors* tal-partiti rispettivi jew dawk nominati mill-Kummissjoni Elettorali, wisq anqas il-kandidati jew l-agenti taghhom.

Dan l-izball fegg biss meta kienu qeghdin jintirtu l-voti ta' Paul Axiaq fl-erbghatax (14) il-*count* tat-Tminn (8) Distrett. Il-Qorti tikkonsidera illi "zball" ta' hamsin vot ma huwiex wiehed li jista, anka b'mod remot, jissejjah jew jitqies bhala zball negligibbli, meta wiehed jikkonsidera l-isfond tar-rezultati elettorali f'Malta, fejn kandidat jeghleb lill-iehor bi ftit voti. Fil-kaz in ezami in fatti, b'diskrepanza, ta' tminn (8) voti.

[9] Ghalkemm skond ix-xhieda tal-maggur Ganado, dawn l-ghaxar (10) voti "gew skoperti" meta gew issigillati il-voti tal-kandidati fl-gheluq tal-proceduri tal-elezzjonijiet generali.

Il-Qorti tqis illi r-responsabilita' ghal dan l-izball fil-maggiorparti tieghu, ghandu jitqieghed f'hogor il-Kummissjoni Elettorali, li hija ddentifikata skond il-ligi, bhala l-entita' responsabbli ghal-process shih, waqt li d-dover tal-kandidat agent delegat jew sottodelegat huwa sussidjarju ghad-dover ewlieni tal-Kummissjoni Elettorali, li ghandha d-dover li tassikura illi l-process tal-ghadd tal-voti jkun akkurat u veritier u li jirifletti r-rieda tal-poplu, kif attwalment espressa fil-votazzjoni tieghu.

Waqt illi l-Qorti taghraf li huwa difficli li l-process shih jsehh minghajr *"human errors"*, dana jghodd fejn si tratta ta' vot jew tnejn. Dan ma japplikax  fejn jigi elett kandidat b'vantagg ta' tminn (8) voti meta, kandidat iehor, fl-istess distrett  tilef is-siggu meta fir-realta' kellu vantagg ta' tnejn u erbghin vot (42), kif gara fil-kaz ta' Claudette Buttigieg.

Claudette Buttigieg ghamlet dak kollu mistenni minnha sabiex jigi rimedjat l-izball; ingibdet l-attenzjoni tal-Kummissjoni Elettorali; gie sottomess protest bil-miktub Dok. V1 a fol. 222 u sar rikors in termini quddiem il-Qorti Kostituzzjonali

**Id-decizjoni tal-Kummissjoni Elettorali, kienet illi *"illi ma tistghax, skond il-ligi, tiftah mill-gdid ghadd li jkun diga maghluq u ppubblikat..."*-** Vide fol. 221

Il-Qorti, matul ix-xhieda estensiva rakkolta, semghet illi waqt l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali ta' Haz-Zebbug, il-partiti kienu talbu u nghataw *recount* totali – u cioe' mhux sempliciment process fejn jergghu jinghaddu voti ta' *count* miftuh  - izda li jregghu lura pass pass, il-process tal-ghadd tal-voti - lura sal-ewwel *count*.  Dan il-process kien laboruz u kien sar fuq medda ta' seba' (7) sieghat.  **Dan il-process kien sar minhaba li ma kienux instabu ghaxar (10) voti f'elezzjoni tal-Kunsilli Lokali**. Infatti **dan it-tip ta' *full recount* kien halla l-frott mistenni** u kienu gew misjuba l-ghaxar (1) voti nieqsa **minghajr ma gew zbilancjati jew mhawwda** r-*random votes* skond it-tieni *counts*.

Il-Qorti ssib partikolarment koncernanti n-nuqqas tal-Kummissjoni Elettorali li kien ha l-prassi korrettiva adottati fil-passat vicin, li **ma rikonoxxietx l-entita' tal-izball** u m'gharfietx li ssib soluzzjoni – anki wiehed prattiku u konsenswali bejn il-partiti – meta kien jidher evidenti li l-izball li kien sar fl-ewwel *count*, u li, minhabba li Buttigieg kienet ghadha in korsa (u mhux eliminata), ma kienx hemm il-komplikazzjonijiet normalment mistennija sabiex jigi risolt l-izball.  Il-Qorti hawnhekk tqis illi l-Kummissjoni Elettorali kienet fid-dover

"*to take positive steps as opposed to refraining from interference"* stabbilit fis-sentenza **Hirst vs U.K**. ibid, sabiex tindirizza u tirrisolvi dan l-izball. Kienet ukoll fid-dover li ma tippermettix li dan l-izball jigi amplifikat u stortat fil-mekkanizmu ghal siggijiet addizzjonali skond il-Kostituzzjoni.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-effetti w il-konsegwenzi ta' tali l-izball fuq ir-rezultat tal-Elezzjonijiet Generali ta' Marzu 2013 u jekk dan assikurax l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-pubbliku fl-ghazla tal-legislatura.

Skond il-*Government Notice* ezebita a fol. 24 tal-process, ir-rezultat tal-Elezzjonijiet Generali tas-sena 2013 kien kif ser jinghad:

| | |
|---|---|
| Voti validi | – 305,556 |
| Partit Laburista (PL) | – 167,533 |
| Partit Nazzjonalista (PN) | – 132,426 |

Fl-istess *Government Notice* a fol. 24 jaghti l-percentwali tal-voti akkwistati minn kull partit:

| | |
|---|---|
| Partit Laburista (PL) | – 54.83% |
| Partit Nazzjonalista (PN) | – 43.34% |

X'sarrfu dawn il-percentwali fuq indikati, fil-proporzjon ta' siggijiet tal-partiti rispettivi fi hdan il-Parlament?

Illi l-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni, flimkien mal-Artikolu 23 Part 4 tal-Iskeda 13 Kap 354, jaghti l-formola matematika sabiex jigu identifikati n-numru ta' deputati addizzjonali, bil-ghan li tigi osservata proporzjonalita' stretta bejn il-voti u d-deputati eletti ta' kull partit. **Din il-Qorti haddmet il-formola matematika** skond Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni, flimkien mal-**Artikolu 23 Part 4 tal-Iskeda 13 Kap 354,** li tat ir-rezultat segwenti:

Skond din il-formula matematika, **l-Qorti**:

Art.
23(1) –stabbiliet n-numru
totali ta' *1st preference votes*

| | | |
|---|---|---|
| akkreditati lil kull partit; | **PL 167,533** | **PN 132,426** |
| Art.<br>23(2) – stabbiliet n-numru<br>ta’ membri eletti; | **PL 39** | **PN 26** |
| Art.<br>23(4) – stabbiliet l-medja<br>ta’voti ghal kull siggu<br>ghaz-zewg partiti; | **PL 167,533 ÷ 39<br>=4295** | **PN 132,426 ÷26<br>=5093** |
| Art.<br>23(5) – adottat l-medja<br>baxxa u iddividiet l-voti<br>akkreditati lil-partit<br>zvantagjat bil-medja<br>baxxa biex kisbet t-total<br>ta’deputati li jridu jigu<br>akkreditati lil-partit<br>zvantagjat; | | **PN 132,426 ÷4295<br>=30.83 deputati/<br>siggijiet** |
| Art.<br>23(6) – ir-rezultat<br>ta’siggijiet addizzjonali<br>ghal partit zvantagjat<br>huwa dak in-numru<br>ottenut f’Art. 23(5)<br>mnaqqas bin-numru<br>ta’ deputati eletti mill-<br>partit zvantagjat; | | **PN 30.83 -26<br>= 4.83 deputati<br>addizjonali** |

Art.

| | |
|---|---|
| 23(7) – kompozizzjoni totali tal-Parlament huwa rezultat ottenut f'23(6); kull *remainder* jigi eliminat billi jitnaqqas jew jizdied in-numru ta' siggijiet san-numru farrad l-aktar vicin; | **PL 39** + **PN 30.8** **Total 69.8** **Numru farrad l-aktar vicin huwa 69** |
| **Distakk bejn il-partiti u:** | **9** |

Il-Qorti rat u ezaminat ix-xhieda ta' Dr. Paul Borg Olivier u Dr. Anton Buhagiar u l-formola matematika mahduma skond il-metodi rispettivi taghhom – Vide Dok PBO1 a fol 398 u AB1 a fol. 411. Il-Qorti tqis illi l-metodu minnhom mahdum, jirrifletti l-istess *workings* **kif mahdum minn din il-Qorti** skond il-precetti dettaljati fil-ligi, cioe' Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 23 Part 4 Skeda Tlettax Kap 354. Il-Qorti qieset ukoll li minkejja d-diversi mistoqsijiet maghmula lix-xhieda prodotta mill-intimati, ebda wiehed minn dawn it-testimonji ma pproduca metodu jew rizultat differenti ghal-formula matematika, skond l-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u l-Iskeda Tlettax tal-*General Elections Act* Kapitolu 354. Il-Qorti innotat ukoll illi l-Kummissjoni Elettorali ma dehrilix illi kellha tipproduci l-*workings* ta' kif haddmet il-formula matematika biex wasslet ghas-siggijiet addizzjonali skond ir-rezultat tal-Elezzjoni Generali ta' Marzu 2013.

Fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, da parti tal-intimati u l-kjamati in kawza, ghal *workings* tal-formola matematika mahsuba l-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u l-Iskeda Tlettax tal-*General Elections Act* Kapitolu 354, u fid-dawl tal-*workings* ta'*scenario* 1 u *scenario* 2 tal-Professur tal-Matematika fl-Universita' ta' Malta, Profs. Anton Buhagiar, fid-dawl tar-rezultat raggunti minn din il-Qorti, l-Qorti tqis illi l-*workings* tal-formola matematika kif hawn fuq mahduma minn din il-Qorti, hija dik skond il-ligi.

Applikata l-formola matematika skond l-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u Artikli 23 tal-Iskeda Tlettax tal-*General Elections Act* Kapitolu 354, **fin-nuqqas tal-izball kommess mill-Kummissjoni Elettorali** ghal dak li jirrigwarda n-numru korrett ta' voti li Claudette Buttigieg attwalment kisbet mill-poplu Malti, r-rezultat ikun is-sewgenti u cioe' skond dak mahdum minn din il-Qorti li:

| | | |
|---|---|---|
| Art. 23(1) –stabbiliet n-numru totali ta' *1st preference votes* akkreditati lil kull partit; | **PL 167,533** | **PN 132,426** |
| Art. 23(2) – stabbiliet n-numru ta' membri eletti; | **PL 38** | **PN 27** |
| Art. 23(4) – stabbiliet l-medja ta'voti ghal kull siggu ghaz-zewg partiti; | **PL 167,533 ÷ 38 =4408** | **PN 132,426 ÷27 =4904** |
| Art. 23(5) – adottat l-medja baxxa u iddividiet l-voti akkreditati lil-partit zvantagjat bil-medja baxxa biex kisbet t-total ta'deputati li jridu jigu akkreditati lil-partit zvantaggjat; | | **PN 132,426 ÷4408 =30.04 deputati/ siggijiet** |
| Art. 23(6) – ir-rezultat ta'siggijiet addizzjonali ghal partit zvantaggjat | | |

| | |
|---|---|
| huwa dak in-numru ottenut f'23(5) mnaqqas bin-numru ta' deputati eletti mill-partit zvantaggjat; | **PN 30.04 -27 = 3.03 deputati addizjonali** |
| Art. 23(7) – kompozizzjoni totali tal-Parlament huwa rezultat ottenut f'23(6); kull *remainder* jigi eliminat billi jitnaqqas jew jizdied in-numru ta' siggijiet san-numru farrad l-aktar vicin; | **PL 38 + PN 30.04 Total 68.04 Numru farrad l-aktar vicin huwa 69** |
| Rezultat finali ta' siggijiet hu : | **PL 38 PN 31** |
| Distakk bejn il-partiti hu: | **7** |

Qabel il-Qorti tghaddi biex tissindika kemm-il darba, il-fattispeci tal-kaz jivvjolawx, Artikolu 3 tal-Protokoll 1 (Kapitolu 319) il-Qorti taghraf li ghandha tindirizza s-seba' (7) eccezzjoni tal-Kummissjoni Elettorali, is-seba' (7) eccezzjoni tal-Avukat Generali u s-sitt (6) eccezzjoni tal-kjamati in kawza eccetto Vassallo. Din l-eccezzjoni hi fis-sens li r-rizultat tal-elezzjonijiet ta' Marzu 2013 jirifletti bhala proporzjon l-ghadd ta' voti fuq l-ewwel preferenza.

Din il-Qorti, permezz tal-ezercizzju tal-*workings* li hija ghamlet skond il-formula matematika kif espressa f'Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u l-Iskeda Tlettax tal-Kapitolu 354, bl-ebda mod ma tista' takkolji dak sottomess. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex il-matematika turi xorta ohra, kemm ghal dak li jirrigwarda r-rapprezentanza proporzjonali kif fuq indikata, kif ukoll, kemm-il darba wiehed jaghmel *simple proportion*, illi *in fin dei conti*, huwa l-ghan ahhari ta' rapprezentanza proporzjonali, skond formola komplessa tal-Kostituzzjoni u Skeda Tlettax

Kap 354. Din il-Qorti a skans ta' ripetizzjoni taghmel accenn, ghar-rezultati tal-formola matematika skond, primarjament ir-rezultat attwali ta' Marzu 2013 u r-rezultat "minghajr l-izball" tal-Kummissjoni Elettorali fit-tminn (8) distrett, li ta rizultat ta' tmienja u tletin (38) siggu ghal Partit Laburista u wiehed u tletin (31) siggu ghal-Partit Nazzjonalista b'distakk ta' seba' (7) minflok ta' disa' (9) siggijiet.

Jekk imbaghad l-intimati u l-kjamati eccetto Vassallo, qeghdin ifissru bil-kliem *"jirifletti bhala proporzjon l-ghadd ta' voti fuq l-ewwel preferenza",* proporzjon semplici b'matematika bazilari, lanqas dan ma jaghti r-rezultat skond it-tezi taghhom. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex skond il-persentaggi mghotija fir-rezultat tal-elezzjonijiet skond il-Gazzetta tal-Gvern a fol 24 tal-process, b'matematika semplici, **54.83%** ta' hamsa u sittin (65) siggu fil-Parlament, jaghti rizultat ta' **35.6339** –il siggu ghal Partit Laburista; waqt li **43.34%** ta' hamsa u sittin (65) siggu fil-Parlament, jaghti rizultat ta' **28.17** –il siggu ghal Partit Nazzjonalista.

Jekk wiehed imbaghad jiehu l-proporzjon b'matematika semplici ta' siggijiet taz-zewg partiti, skond ir-rezultat mahrug mill-Kummissjoni Elettorali (allura bis-siggijiet addizzjonali), lanqas dan ir-rizultat ma jirrifletti bhala proporzjon l-ghadd ta' voti fuq l-ewwel preferenza. Dan qieghed jinghad –il ghaliex tlieta u disghin (39) siggu minn sitta u disghin (69) siggu, jaghti kalkolu matematiku semplici ta' **56.5217%,** waqt li tletin (30) minn sitta u disghin (69) siggu jaghti kalkolu matematiku semplici ta'**43.4782%.**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tichad s-seba' (7) eccezzjoni tal-Kummissjoni Elettorali, seba' (7) eccezzjoni tal-Avukat Generali u sitt (6) eccezzjoni tal-kjamati in kawza eccetto Vassallo.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina u tanalizza l-applikabilita' o meno tal-Artikolu 3 Protokcoll 1, kif ratifikat fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-principji delineati mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ghal-fatti speci tal-kaz. Kostatat id-differenza fir-rizultat tal-elezzjonijiet generali, fl-assenza tal-izball jew tan-nuqqasijiet da parti tal-Kummissjoni Elettorali, l-Qorti trid tissindika dan ir-rizultat fid-dawl taz-zewg kriterji stabbiliti mill-Qorti Ewropea:

> ***"In examining compliance with Article 3 of Protocol No. 1, the Court has focused mainly on two criteria: whether there has been***

***arbitrariness or a lack of proportionality, and whether the restriction has interfered with the free expression of the opinion of the people."*** Vide **Yumak and Sadak vs Turkey** Ibid at para 109 (iii); **Hirst vs Uk** Ibid at para 62; **Tanase vs Moldovia** App:7/08 ECHR 2010.

**Illi bla dubbju ta' xejn l-elezzjoni generali ta' Marzu 2013 tat rizultat li ma jirriflettix fedelment il-votazzjoni attwali tal-poplu Malti fit-thaddim tas-sistema tar-rapprezentanza proporzjonali stretta taht il-Ligi Maltija.**

Dan il-ghaliex Buttigieg kellha tigi eletta di sua sponte, u ghaliex il-partit rikorrenti bil-mekkanizmu Kostituzzjonali u l-Iskeda Tlettax tal-Kapitolu 354, kellu jikseb tlett siggijiet addizzjonali, waqt li jitnaqqas siggu minn naha tal-Partit Laburista, bir-rizultanti distakk ta' sebgha (7) siggijiet bejn il-partiti. Ghar-rigward tal-***"wide margins of appreciation"***, moghtija lil Stati Ewropei, fl-ghazla tas-sistema elettorali individwali, l-Qorti taghraf illi l-Istat Malti ghazel dawk il-margini u cioe' margini stretti b'sistema ta' rapprezentanza proporzjonali stretta.

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-mankanzi fil-process elettorali li ghalih kienet responsabbli l-Kummissjoni Elettorali, wasslet sabiex tigi vjolata u stortata l-formola ta' rapprezentanza proporzjonata'skond l-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni, bil-konsegwenti zbilanc ta' zewg deputati ghal partit rikorrenti u dan neccessarjament jfisser illi, fir-realta', sehh ***"a lack of proportionality"***skond id-decizjoni ta' **Yumak et vs Turkey** u **Hirst vs UK** Ibid.

Din il-Qorti tghaddi biex tanalizza kemm-il darba dawn il-mankanzi fil-process elettorali li ghalih kienet responsabbli l-Kummissjoni Elettorali kienux restrizzjonijiet li nterferixxu mal-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-ghazla ta' legislatura.

Il-Qorti tqis illi l-analizi mistenni minn din il-Qorti ghandu per forza jinkludi evalwazzjoni fid-dawl tal-izvilupp storiku tal-pajjiz, id-diversita' kulturali u l-ideologija politika ta' dan il-pajjiz u dan skond l-insenjament tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea aktar 'l fuq citata.[10]

---

[10] Vide (Hirst vs UK Ibid - para 61); Lykourezos vs. Greece 33554/03 deciza fil-15 ta'Gunju 2006 - para 5; Sitarapoulos and Giakoumopoulos vs Greece, App. 42202/2007 deciza fil-15 ta'Marzu 2012- para 66 ECHR.

Din il-Qorti taghraf illi l-poplu Malti dejjem segwa l-politika f'pajjizu mill-qrib u b'mod mill-aktar akkanit; huwa poplu li minkejja li mhux kostrett b'*mandatory voting*, juri *turnout* massica (in eccess ta' 95%) fl-elezzjonijiet generali. Dan jista' jkun ukoll rizultat tal-istorja ta' Malta, fejn il-poplu, sa ftit zmien ilu, kien dejjem taht hakma barranija; jirrizulta ukoll mill-istorja ta' Malta illi l-linji politici huma divizi bejn zewg partiti kbar, bit-tielet partit jaghmel l-almu tieghu biex isib postu fix-xena politika. Minn Settembru 1964 lil hawn, is-sistema elettorali ta' pajjizna kienet wahda ta' rapprezentanza proporzjonali. Illi wara r-rezultat pervers tal-elezzjonijiet generali tas-sena 1981, fejn il-partit li kiseb il-minoranza tal-vot iggverna 'l ghaliex il-kompozizzjoni elettorali tat il-maggoranza ta' siggijiet lil dak il-partit, Malta ghaddiet minn perjodu ta' *political strife*, li wara snin, wassal ghall-avvicinament tal-partiti politici li sarraf f'emendi Kostituzzjonali tas-sena 1987 li permezz taghhom iddahhal fil-Kostituzzjoni ta'Malta mekkanizmu fejn partit li jikseb il-maggoranza tal-voti f'elezzjoni generali, jinghata bizzejjed siggijiet sabiex jiggverna,u b'hekk dahal il-principju ta' rapprezentanza proporzjonali stretta.

Din ir-rapprezentanza proporzjonali stretta giet raffinata bl-emendi Kostituzzjonali tas-sena 1996, sabiex ir-rapprezentanza proporzjonali fil-Parlament tkun bilancjata bejn il-partiti kollha rapprezentati fil-Parlament. Din hi s-sistema elettorali li ghazel l-Istat Malti u l-emendi Kostituzzjonali tas-snin 1987 u 1996 li inkorporaw ir-rapprezentanza proporzjonali stretta kif aktar fuq spjegata, kienu emendi *etched in blood* 'l ghaliex kienu jirrikjedu maggoranza ta' due terzi tal-Parlament Malti, u ghadhom hekk protetti sal-gurnata tal-llum. Ghaldaqstant meta wiehed jikkonsidera rizultat stortat li juri zbilanc ta' zewg Membri Parlamentari ghal partit f'minoranza, fid-dawl tal-istorja politika u parlamentari ta' Malta, l-gudikant ma jistghax ma jqisx li dan id-distakk ta' zewg deputati hu, fir-realta', restrizzjoni li jinterferixxi u jxekkel l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-ghazla tal-legislatura.

Illi ghaldaqstant hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-mankanzi serji fil-process tal-elezzjoni ta' Marzu 2013 li ghaliha kienet responsabbli l-Kummissjoni Elettorali wasslu sabiex cahhdu lir-rikorrenti Buttigieg milli tigi eletta di sua sponte u wasslu sabiex jaghtu rizultat skorrett fuq rapprezentanza proporzjonali skond ix-xewqa tal-elettur, bil-mod li effetwaw l-implimentazzjoni ta' Artikolu 52 biex b'hekk id-distakk ta' numru ta' deputati tal-partit fil-Gvern u dawk mal-partit fl-oppozizzjoni gie ta' disa' (9) minflok ta' seba' (7) kandidati, u li dana kollu bi vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-tminn (8) eccezzjoni tal-Kummissjoni Elettorali, it-tieni (2) ir-raba (4) il-Hames (5) u s-sitt (6) eccezzjoni tal-Avukat Generali, u l-hames (5) eccezzjoni tal-kjamati in kawza eccetto Edwin Vassallo.

Din il-Qorti tghaddi biex tikkonsidera r-rimedji effettivi, xierqa u opportuni ghall-kaz in ezami.

Ghar-rigward tal-kuncett ta' rimedju effettiv, l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **Ir-Republika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** deciza fit-**23 ta' Lulju 2014**, li fiha din il-Qorti irriteniet:

> ***"In examining what is understood as the right to an effective remedy, this Court considers that it is essential, under the rule of law, that a state provides effective remedies, effectivess of justice and more importantly provides an effective recourse to any person who alleges a breach of his fundamental right and freedoms. In absence of these, the scope of justice remains an illusive one or simply a desiderata.***
>
> ***Article 13 of the European Convention of Human Rights provides that:***
>
> > ***"Everyone whose rights and freedoms as set forth in this Convention are violated shall have an effective remedy before a national authority nothwithstanding that the violation has been committed by persons acting in an official capacity."***
>
> ***It has been said that " The scope of the Contracting States' obligations under Article 13 varies depending on the nature of the applicant's complaint; however, the remedy required by Article 13 must be "effective" in practice as well as in law. (see, for example, Olhan v. Turkey [GC], no. 22277/93,§ 97, ECHR 2000-VII).***

*The "effectiveness" of a "remedy" within the meaning of Article 13 does not depend on the certainty of a favourable outcome for the applicant. Nor does the "authority" referred to in that provision necessarily have to be a judicial authority; but if it is not, its powers and the guarantees which it affords are relevant in determining whether the remedy before it is effective. Also, even if a single remedy does not by itself entirely satisfy the requirements of Article 13, the aggregate of remedies provided for under domestic law may do so (see, among many other authorities, the Silver and Others v. the United Kingdom judgement of 25 March 1983, Series A no. 61, p. 42,§ 113, and the Chahal v. the United Kingdom judgement of 15 November 1996, Reports 1996-V, pp. 1869-70,§ 145).*

*It remains for the Court to determine whether the means available to the applicant in Polish law for raising a complaint about the length of the proceedings in his case would have been "effective" in the sense either of preventing the alleged violation or its continuation, or of providing adequate redress for any violation that had already occurred. (vide Kudla v. Poland App. No. 30210/96 decided on the 26th October 2000 - ECHR)*

*It is this Court considered opinion that is imperative that the Convention is interpreted and applied in a manner which renders its rights practical and effective and not illusionary. This Court understands the need of self restraint on the part of the judiciary where it is called upon to provide effective remedy.  The Court equally understands that ,''the failure of the Court to maintain its dynamic and evolutive approach would risk rendering it a bar to reform or improvement" - Vide Stafford vs Uk App. No. 46295/99 decided 28th May 2002.*

> ***The Court considers that it is of paramount importance that effective measures necessarily need to be aimed at the cessation of continuing human right violations."***

Din il-Qorti wara li qieset il-kuncett ta' rimedju effettiv, hija tal-fehma li rimedju konsistenti f'xi dikjarazzjoni ta' invalidita' ta' kariga ta' Membru tal-Parlament hija kompletament kontraindikata fic-cirkostanzi specjali u politikament sensittivi fil-kaz in ezami; jista' jwassal li jixxejnu l-istituzzjonijiet tal-pajjiz u jdahhlu fid-dubbju l-validita' tal-ligijiet promolgati mid-data tal-elezzjoni 'l hawn. Minn naha l-ohra dan certament mhuwiex kaz fejn dikjarazzjoni ta' din il-Qorti tista' tigi konsiderata bhala ***"just satisfaction".***

Illi l-Qorti wara deliberazzjoni fit-tul, taghraf li r-rimedju lanqas nocif u kozzanti[11], u li tindirizza b'mod xieraq u adegwat il-vjolazzjoni taht Artikolu 3 tal-Protokoll 1 hu li l-Qorti tordna lill-Kummissjoni Elettorali tiddikjara bhala eletti biex jimlew zewg postijiet addizzjonali, zewg kandidati tal-Partit Nazzjonalista li gew akkreditati mill-Kummissjoni Elettorali bl-oghla, jew bin-numru li jmiss l-aktar gholi minghajr ma jkunu gew eletti, irrispettivament mid-distrett minn fejn inkiseb dan l-oghla numru ta' voti jew ta' voti li jmiss aktar oghli u dan ai tenur tal-Artiklu 52 tal-Kostituzzjoni.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

Tilqa l-ewwel talba tar-rikorrenti kollha u tiddikjara li l-mankanza fil-process elettorali fuq it-tmien distrett kif fuq deskritta tmur kontra l-artikolu 3 ta' l-Ewwel Protokoll l ghall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tichad it-tieni talba tar-rikorrenti kollha;

Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti kollha limitatament u tiddikjara li l-mankanzi fuq premessi wasslu sabiex cahdu lil Partit Nazzjonalista milli jkollu kandidat elett skond ir-rieda tal-votanti u dan bi ksur tal-artikolu 3 ta l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta Malta;

---

[11] Identifikat minn Dr Theresa Commodini Cachia fil-kors tat-trattazzjoni finali ta' din il-kawza.

Tilqa’ r-raba’ talba tar-rikorrenti kollha u tiddikjara li l-mankanzi fuq premessi waslu sabiex taw rizultat skorrett fuq ir-rapprezentanza proporzjonali skont ix-xewqa tal-elettur b’tali mod li effettwaw l-implimentazzjoni ta’ 1-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u b’hekk id-distakk bejn in-numru tad-deputati mal-Partit fil-Gvern u dawk mal-Partit fl-oppozizzjoni huwa zbaljat, u dan bi ksur tal-artikolu 3 ta l-Ewwel Protokoll l ghall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f’Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tichad it-talba numerata 5 (2) (B) tar-rikorrenti kollha fir-rigward ta’ Frederick Azzopardi, tilqa’ l-kumplament tal-hames talba tar-rikorrenti kollha **limitatament** pero’ ghal kif gie ipprecizat fir-remedju effettiv akkordat minn din il-Qorti billi tordna lil-Kummissjoni Elettorali tiddikjara bhala eletti biex jimlew zewg postijiet addizzjonali, zewg kandidati tal-Partit Nazzjonalista li gew akkreditati mill-Kummissjoni Elettorali bl-oghla, jew bin-numru ta’ voti li jmiss l-aktar gholi minghajr ma jkunu gew eletti, irrispettivament mid-distrett minn fejn inkiseb dan l-oghla numru ta’ voti jew ta’ voti li jmiss l-aktar gholi, ai tenur tal-ahhar zewg paragrafi ta’Artikolu 52(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u dana kollu fi zmien xahar mill-llum;

U f’dan is-sens tilqa’ l-ahhar talba tar-rikorrenti kollha ghar-rimedju effettiv;

Di piu’ tilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ Edwin Vassallo, bl-istess manjiera li gew milqugha t-talbiet tar-rikorrenti, u tichad bl-istess manjiera kif cahdet it-talbiet tar-rikorrenti numerati tnejn u 5(2)(B);

U tichad l-eccezzjonijiet tal-Kummissjoni Elettorali, tichad l-eccezzjonijiet tal-Avukat Generali u tichad l-eccezzjonijiet tal-kjamati in kawza, eccetto Edwin Vassallo kif fuq intqal fejn applikabbli.

Fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz u n-novita’ tal-punti legali mqanqla, l-Qorti taghraf li jkun gust u ghaqli li kull parti tbati l-ispejjez rispettivi taghha.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------